REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/547

tal-5 ta' April 2022

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-18 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti (superabsorbent polymers, "SAPs" jew "il-prodott taħt investigazzjoni") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment imressaq mill-Koalizzjoni Ewropea għall-Polimeri Superassorbenti (European Superabsorbent Polymer Coalition), minn hawn 'il quddiem "ESPC" ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem żewġ produtturi tal-Unjoni, li flimkien jirrappreżentaw 65 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-polimeri superassorbenti, fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Kummenti dwar il-bidu

1.2.1. *Eżami tal-interess tal-Unjoni fl-ilment*

(3) Wara l-bidu, il-Koalizzjoni tal-utenti ([3]) ddikjarat li l-ilment kien jinjora l-interessi tal-importaturi u l-utenti biex jikkonkludi li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiftaħ investigazzjoni anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' SAPs li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, bi ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.

(4) Tressqu pretensjonijiet simili mill-produttur esportatur li kkoopera, LG Chem Ltd. ("LG Chem").

(5) Il-Kummissjoni tfakkar li f'konformità mal-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, il-bidu ta' proċediment huwa ġġustifikat meta fl-ilment tingħata biżżejjed evidenza ta' dumping, dannu u rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li allegatament huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu allegat. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-ilmentatur mhuwiex obbligat iwettaq analiżi tal-interess tal-Unjoni fl-ilment. Għaldaqstant, l-ilmentatur ma naqasx f'dan l-aspett.

(6) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat l-akkuratezza u l-adegwatezza tal-evidenza pprovduta u ddeterminat li kien hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni preżenti, f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (ĠU C 58, 18.2.2021, p. 73).

([3]) Għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni trattat l-identità tal-membri tal-Koalizzjoni b'mod kunfidenzjali. Il-Kummissjoni rċeviet evidenza li d-divulgazzjoni tal-identitajiet tagħhom ikollha konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq il-membri tal-Koalizzjoni minħabba t-theddida ta' ritaljazzjonijiet kummerċjali.

(7) Għaldaqstant, il-pretensjonijiet ma ntlaqgħux.

1.2.2. *Marġni tad-dumping mgħolli bl-ilmenti u marġni tat-twaqqigħ tal-prezz*

(8) LG Chem iddikjarat li l-ilmentatur għolla l-marġni tad-dumping u l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ippreżentati fl-ilment b'mod artifiċjali billi qies l-SAPs bħala prodott omoġenju. F'dan ir-rigward, LG Chem fil-biċċa l-kbira tenniet il-kummenti diġà pprovduti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott indirizzat fit-Taqsima 2.3.

(9) LG Chem iddikjarat ukoll li l-prezz tal-esportazzjoni pprovdut fl-Ilment ġie kkalkolat b'mod żbaljat. Skont is-sors użat fl-ilment għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni — jiġifieri s-Servizz tal-Istatistika tal-Kummerċ Korean (Korean Trade Statistics Service) — kien jeħtieġ li l-prezz tal-esportazzjoni jkun bejn 13 % u 18 % ogħla minn dak sottomess mill-ilmentatur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni żbaljat meta aċċettat l-evidenza dwar il-prezz tal-esportazzjoni sottomessa fl-ilment.

(10) Fl-istadju tal-ilment, huwa biżżejjed li jiġu ppreżentati marġnijiet tad-dumping u tat-twaqqigħ tal-prezz abbażi tal-informazzjoni raġonevolment disponibbli lill-ilmentatur u għall-prodott kollu hemm hu. Għalkemm LG Chem tqis li l-prodott taħt investigazzjoni mhuwiex omoġenju, dan ma jfissirx li t-tqabbil kif sar mill-ilmentaturi kien difettuż għall-fini tal-bidu. Fil-verità, hija parti mill-investigazzjoni tal-Kummissjoni li tanalizza jekk hijiex ġustifikata talba għal analiżi aktar dettaljata.

(11) Fir-rigward tal-prezz tal-esportazzjoni użat fl-ilment, il-Kummissjoni nnotat li l-prezzijiet ogħla enfasizzati minn LG Chem fl-esibizzjoni 8 tal-ilment fil-fatt kienu jinkludu l-esportazzjonijiet totali skont il-kodiċi tal-komodità 3906 90 90, inkluż prodotti li ma kinux il-prodott ikkonċernat, filwaqt li l-prezzijiet tal-esportazzjoni użati għall-istima tad-dumping fil-paragrafu 46 tal-ilment kienu jinkludu biss il-prodott ikkonċernat, kif iffiltrat abbażi ta' domanda ta' estrazzjoni addizzjonali fis-sistema TRASS ([4]).

(12) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma laqgħetx il-pretensjonijiet ta' LG Chem.

1.2.3. *Livell tal-kummerċ*

(13) LG Chem iddikjarat ukoll li l-ilmentatur naqas milli jaġġusta l-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi fil-livell tal-kummerċ, peress li l-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha lejn is-suq tal-Unjoni ġeneralment jgħaddi minn kumpanija relatata. Għaldaqstant, kemm il-marġni tad-dumping kif ukoll dak tat-twaqqigħ tal-prezz ippreżentati fl-ilment ġew mgħollija b'mod artifiċjali.

(14) Il-Kummissjoni tfakkar li l-kostijiet tat-trasport biss ġew aġġustati mill-ilmentatur għat-tnaqqis li sar għall-prezzijiet tal-esportazzjoni. Jista' jsir l-argument li dan huwa approċċ konservattiv peress li aġġustament tal-prezzijiet tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) jew tnaqqis addizzjonali tal-kummissjonijiet mill-bejgħ minn negozjanti relatati involuti fl-importazzjoni tal-beni jbaxxu biss il-prezz tal-esportazzjoni filwaqt li jżidu il-marġni tad-dumping u tat-twaqqigħ tal-prezz. Barra minn hekk, anki jekk ma jsir l-ebda tnaqqis għat-trasport, id-dumping xorta jkun sinifikanti, kif jidher ċar mill-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Fir-rigward tal-allegazzjoni dwar il-marġni mgħolli tat-twaqqigħ tal-prezz, il-Kummissjoni qieset li l-użu ta' prezz tal-esportazzjoni abbażi ta' statistika dwar l-importazzjoni jikkostitwixxi evidenza raġonevolment disponibbli fl-istadju ta' bidu għall-ilmentaturi biex jagħtu prova tat-twaqqigħ tal-prezz. Barra minn hekk, hemm żewġ produtturi esportaturi oħra fir-Repubblika tal-Korea li jbigħu fis-suq tal-Unjoni b'mod dirett, u LG Chem stess ukoll tbigħ parti mill-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha b'mod dirett. Fi kwalunkwe każ, LG Chem naqset milli tagħti prova dwar kif prezz tal-esportazzjoni differenti jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti tat-twaqqigħ tal-prezz imsemmi fl-ilment [10-30 %].

(15) Għaldaqstant, din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

([4]) Biex jikkalkola l-prezz tal-esportazzjoni tal-SAPs mir-Repubblika tal-Korea matul il-PI, l-ilmentatur kien jiddependi fuq is-Servizz għall-Istatistika dwar il-Kummerċ (Trade Statistics Service, TRASS) tal-Korea. TRASS ippermetta li l-esportazzjonijiet tal-SAPS lejn l-Unjoni Ewropea jiġu identifikati fost il-prodotti ddikjarati għall-esportazzjonijiet skont il-kodiċi tal-komodità 3906 90 90 abbażi ta' talba speċifika.

1.2.4. *Il-verżjoni miftuħa tal-ilment ma tippermettix li tinftiehem l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet*.

(16) LG Chem argumentat li l-evidenza sottomessa fil-verżjoni miftuħa tal-ilment biex tallega li l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel għandhom effetti ta' tnaqqis tal-prezzijiet, jiġifieri l-Esibizzjonijiet dwar "ir-Rapporti tal-Informazzjoni dwar is-Suq", ma ppermettietx li l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezz tinftiehem b'mod xieraq.

(17) L-ewwel, il-Kummissjoni fakkret li l-għan tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment huwa li jipprovdi sommarju sinifikanti tal-informazzjoni fil-verżjoni kunfidenzjali. Meta jiġi eżaminat jekk sommarju huwiex sinifikanti jew le, trid titqies it-totalità tal-informazzjoni fil-verżjoni mhux kunfidenzjali dwar kwalunkwe suġġett partikolari. Fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar it-twaqqigħ tal-prezz u l-bejgħ bil-prezz imwaqqa' mill-esportaturi Koreani, il-Kummissjoni nnutat li t-taqsima 5.3 tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment fiha sommarju komprensiv tat-tqabbil tal-prezzijiet li jifforma l-bażi tal-allegazzjonijiet dwar it-twaqqigħ tal-prezz u l-bejgħ bil-prezz imwaqqa', u dan huwa appoġġat minn sommarji sinifikanti tal-informazzjoni prinċipali fl-Esibizzjonijiet 5-1 sa 5-3-3 tal-ilment. Il-Kummissjoni qieset li n-narrattiva fil-parti prinċipali tal-ilment u s-sommarju tad-*data* fl-annessi msemmija jagħtu komprensjoni suffiċjenti tal-allegazzjonijiet li saru fir-rigward tal-pressjoni fuq il-prezzijiet. Fl-ilment, ir-rapporti tas-Suq huma ppreżentati bħala konferma tal-validità tal-allegazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li r-rapporti tal-informazzjoni dwar is-suq dwar l-SAPs importati fl-Ewropa kien fihom analiżi dettaljata dwar strateġiji potenzjali tal-atturi tas-suq. Saħansitra, anki jekk sommarju tal-kontenut jiġi kondiviż, dan joħloq effett negattiv fuq il-fornitur tas-servizz li jkun ġabar l-informazzjoni kunfidenzjali.

(18) Huwa mfakkar li l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6.5 tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping tad-WTO ([5]) jippermettu s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi fejn id-divulgazzjoni tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew jista' jkollha effett negattiv sinifikanti fuq persuna li tipprovdi l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha dik il-persuna tkun akkwistat l-informazzjoni.

(19) L-informazzjoni provduta fil-verżjoni kunfidenzjali tal-ilment taqa' taħt dawk il-kategoriji. Barra minn hekk, l-ilmentatur ipprovda biżżejjed sommarji tal-kontenut tas-segmenti kunfidenzjali tal-ilment.

(20) Għaldaqstant, din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

1.2.5. *Ipprezzar aggressiv mill-importazzjonijiet tal-Asja tal-Lvant Imbiegħed fl-2019*

(21) Fir-rigward tal-effetti ta' deprezzament tal-prezzijiet fl-2019, LG Chem ikkummentat dwar l-Esibizzjoni 5-3-1-C tal-ilment, li għamlet referenza vaga għal "*prezz aggressiv minn importazzjonijiet tal-Asja tal-Lvant Imbiegħed*". LG Chem argumentat li l-formulazzjoni tal-kliem setgħet tirreferi wkoll għall-importazzjonijiet mill-Ġappun jew miċ-Ċina.

(22) Il-Kummissjoni taqbel li l-formulazzjoni tal-kliem "importazzjonijiet tal-Asja tal-Lvant Imbiegħed" ma tirreferix esklussivament għall-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea. Madankollu, il-formulazzjoni tal-kliem tkopri wkoll b'mod ċar l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel. Filwaqt li dak id-dokument waħdu ma jkunx relatat mal-pressjoni tal-prezzijiet mir-Repubblika tal-Korea b'mod speċifiku, huwa jappoġġa l-evidenza l-oħra pprovduta fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Korea.

(23) Għaldaqstant, il-pretensjoni li dik l-evidenza ma sostnietx l-ilment ma ntlaqgħetx.

1.2.6. *Profitt fil-mira mhux ġustifikat fl-ilment*

(24) Fir-rigward tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa', LG Chem iddikjarat li ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-użu ta' profitt fil-mira ta' 10 % fl-ilment.

([5]) "Kwalunkwe informazzjoni li hija ta' xorta kunfidenzjali, (pereżempju, minħabba li r-rivelazzjoni tagħha tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal xi kompetitur jew kien ikollha effett kuntrarju sinifikanti fuq persuna li tforni l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha l-persuna li tforni l-informazzjoni ikun akkwista l-informazzjoni) jew li hija mogħtija fuq bażi kunfidenzjali minn partijiet għall-investigazzjoni għandha, jekk tiġi murija raġuni tajba, tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet. Informazzjoni bħal din m'għandhiex tkun żvelata bla permess speċifiku tal-parti li jissottomettiha."

(25) Bħala kwistjoni ta' livell limitu, il-Kummissjoni fakkret li l-ilment ipprovda biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'marġni sinifikanti ta' [10% - 30%]. Dan fih innifsu diġà jikkostitwixxi biżżejjed evidenza tal-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet fl-Unjoni. Dan jidher ċar mill-formulazzjoni tal-kliem tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku li jippreżenta t-twaqqigħ tal-prezz u t-tnaqqis tal-prezz bħala effetti alternattivi possibbli li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping jista' jkollhom fuq il-prezzijiet fl-Unjoni. Għaldaqstant, l-allegazzjoni fl-ilment li l-prezzijiet tnaqqsu bi [30% - 60%] ma kinitx meħtieġa biex ikun hemm biżżejjed evidenza li l-SAPs mir-Repubblika tal-Korea qed jiġu importati bi prezzijiet dannużi. Fi kwalunkwe każ, il-profitt fil-mira magħżul mill-ilmentatur mhuwiex vinkolanti għall-analiżi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-analiżi tagħha tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa'. L-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku jindika li l-profitt fil-mira ma għandux ikun inqas minn 6 %. Anki meta aġġustat għal profitt fil-mira ta' 6 %, il-kalkolu tal-ilmentatur xorta wera marġni għoli ta' bejgħ bil-prezz imwaqqa'. Għaldaqstant, mhuwiex rilevanti li l-ilmentatur ma ssostanzjax il-profitt fil-mira magħżul ta' 10 %.

(26) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma laqgħetx il-pretensjoni li ġustifikazzjoni nieqsa għall-profitt fil-mira magħżul kienet tikkostitwixxi nuqqas fl-ilment.

1.2.7. *Jenħtieġ li d-data dwar l-investiment fl-ilment ma tiġix trattata bħala kunfidenzjali.*

(27) Fir-rigward tal-investimenti ddikjarati fl-ilment, LG Chem argumentat li ma hemm l-ebda bażi loġika għaliex din id-*data* ġiet trattata bħala kunfidenzjali mill-ilmentaturi.

(28) Kif diġà mfakkar fl-Artikolu 19(18) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6.5 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping tad-WTO jippermettu s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi fejn id-divulgazzjoni sservi ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur.

(29) L-informazzjoni provduta fil-verżjoni kunfidenzjali tal-ilment taqa' taħt din il-kategorija. Barra minn hekk, l-ilmentatur ipprovda firxa għall-iżvilupp tal-indiċi għall-PI meta mqabbel mal-2017 għall-investimenti fil-verżjoni miftuħa. Din turi kif l-investimenti naqsu sostanzjalment matul il-perjodu meqjus u huma biżżejjed biex jinftiehem dak l-indikatur tad-dannu. Fi kwalunkwe każ, ix-xejriet rilevanti huma żvelati fit-Tabella 10 hawn taħt.

(30) Għaldaqstant il-Kummissjoni ma laqgħetx il-pretensjoni li kien meħtieġ li tiġi inkluża d-*data* dettaljata dwar l-investiment fil-verżjoni miftuħa tal-ilment.

1.2.8. *Evidenza għal rabta ta' kawżalità mal-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel*

(31) LG Chem iddikjarat li l-ilment, bi ksur tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, naqas milli juri li hemm rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li allegatament huma l-oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea u d-dannu allegat tal-industrija tal-Unjoni. Skont LG Chem, l-industrija tal-Unjoni allegat biss li *"l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Korea eżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-UE (...) li ġiegħlet lill-industrija tal-SAPs tal-UE tnaqqas il-prezzijiet tagħha, u dan irriżulta f'telf drammatiku"*.

(32) Għall-kuntrarju tal-allegazzjoni ta' LG Chem, l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza ta' rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u d-dannu. L-analiżi tal-ilmentatur tal-indikaturi tad-dannu wriet koinċidenza fiż-żmien bejn iż-żieda fil-volumi ta' importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Korea t'Isfel u d-deterjorament tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk, kif l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel fis-suq tal-Unjoni eżerċitaw pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(33) Għaldaqstant, din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

1.3. **Reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri proviżorji u proċedura sussegwenti**

(34) Fis-17 ta' Settembru 2021, f'konformità mal-Artikolu 19a(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati kollha bl-intenzjoni tagħha li ma timponix dazji proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u li tkompli bl-investigazzjoni.

(35) Billi ma ġew imposti l-ebda miżuri anti-dumping proviżorji, il-Kummissjoni ma rreġistratx l-importazzjonijiet skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha.

(36) Wara d-divulgazzjoni tal-intenzjoni tal-Unjoni li ma timponix miżuri proviżorji, saru seduti ta' smigħ ma' żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun (BASF Antwerpen NV ("BASF") u Nippon Shokubai Europe NV (BE) ("Nippon Shokubai Europe" jew "NSE"), produttur magħruf tal-Unjoni (Evonik Operations GmbH ("Evonik")), kif ukoll mal-produttur esportatur LG Chem, fejn dawk il-partijiet ikkummentaw dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Il-partijiet ipprovdew il-preżentazzjonijiet tagħhom u l-kummenti addizzjonali ta' wara s-seduta ta' smigħ għall-fajl.

1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(37) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.5. **Partijiet interessati**

(38) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea, lil importaturi magħrufa, lil kummerċjanti u utenti magħrufa, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jipparteċipaw.

(39) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali. Saru seduti ta' smigħ ma' produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun (BASF), produttur magħruf tal-Unjoni (Evonik), il-produttur esportatur li kkoopera LG Chem, u żewġ utenti magħrufa tal-Unjoni (Procter & Gamble International Operations SA ("P&G") u FATER SpA ("Fater")).

1.6. **Kampjunar**

(40) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.6.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(41) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet kampjun tal-produtturi tal-Unjoni b'mod proviżorju. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili, kif ukoll il-pożizzjoni ġeografika. Dak il-kampjun kien jikkonsisti f'żewġ produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni u l-bejgħ stmati tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li żguraw firxa ġeografika tajba, u tqiesu bħala rappreżentattivi tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment u għaldaqstant il-kampjun ġie kkonfermat.

1.6.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(42) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(43) Importatur wieħed mhux relatat ipprovda l-informazzjoni mitluba. Fid-dawl tal-għadd baxx ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ u talbet lill-importatur li kkoopera biex jissottometti tweġibiet għall-kwestjonarji.

1.6.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea*

(44) Sabiex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-Repubblika tal-Korea jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Korea għall-Unjoni Ewropea tidentifika u/jew tagħmel kuntatt ma' produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(45) Produttur esportatur wieħed fil-pajjiż ikkonċernat ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun, u għaldaqstant tqies li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(46) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produttur esportatur li kkoopera, lill-importatur mhux relatat li kkoopera u liż-żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-istess kwestjonarji kienu saru disponibbli online ([6]) fil-jum tal-bidu.

(47) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand iż-żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, produttur tal-Unjoni wieħed mhux inkluż fil-kampjun (makrokwestjonarju), żewġ utenti u l-produttur esportatur li kkoopera. L-uniku importatur mhux relatat li pprovda tweġiba għall-kampjunar ma pprovdiex tweġiba għall-kwestjonarju.

(48) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tad-dumping, tad-dannu li jirriżulta u tal-interess tal-Unjoni. Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti li ttieħdu sabiex tiġi indirizzata t-tifqigħa ("l-Avviż dwar il-COVID-19") ([7]), il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li kkooperaw u li kienu inklużi fil-kampjuni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku. Minflok, il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod (remote crosschecks, "RCCs") tal-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji li ġejjin permezz ta' vidjokonferenza:

Produtturi tal-Unjoni

— BASF Antwerpen N.V. (BE)

— Nippon Shokubai Europe NV (BE)

Utenti

— Kumpanija B, li l-identità tagħha se tibqa' kunfidenzjali għall-fini tal-investigazzjoni ([8]).

Importaturi u kummerċjanti relatati

— LG Chem Europe GmbH ("LG Chem Europe")

Produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea

— LG Chem, Ltd.

1.8. **Divulgazzjoni definittiva**

(49) Fl-24 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea ("divulgazzjoni finali"). Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet żewġ divulgazzjonijiet finali addizzjonali fl-4 ta' Frar 2022 u fil-21 ta' Frar 2022. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali, kif ukoll dwar divulgazzjonijiet addizzjonali finali. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-produttur esportatur LG Chem, mill-industrija tal-Unjoni, u minn diversi utenti.

(50) Wara d-divulgazzjoni finali, il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jinstemgħu skont id-dispożizzjonijiet stipulati taħt il-punt 5.7 tan-Notifika ta' Bidu. Saru seduti ta' smigħ ma' LG Chem, mal-Koalizzjoni għal Suq Miftuħ u Kompetittiv tal-PSA tal-UE, u ma' Evonik.

([6]) https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_history.cfm?id=2516&init=2516

([7]) Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

([8]) Għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni trattat l-identità tal-Kumpanija B b'mod kunfidenzjali. Il-Kummissjoni rċeviet evidenza li d-divulgazzjoni tal-identità tagħha jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq il-Kumpanija B minħabba t-theddida ta' ritaljazzjonijiet kummerċjali.

(51) Wara t-tieni dokument ta' divulgazzjoni addizzjonali ("it-tieni ADD") LG Chem argumentat li l-għoti ta' jum wieħed biss biex jikkummentaw dwar bidliet sostanzjali fil-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' LG Chem, speċjalment peress li s-sors tal-iżball ma kienx ġie żvelat.

(52) Il-Kummissjoni nnotat li LG Chem ma talbet l-ebda estensjoni għall-iskadenza għall-għoti ta' kummenti dwar it-tieni ADD. Barra minn hekk, LG Chem ingħatat żewġ seduti ta' smigħ wara l-iskadenza inizjali għall-kummenti, li fihom kellha l-opportunità li tippreżenta l-kummenti tagħha dwar it-tieni ADD. Matul is-seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta wara d-divulgazzjoni tat-tieni ADD, il-Kummissjoni indikat li LG Chem ikkummentat dwar diskrepanza fid-*data* pprovduta fl-ilment u fid-divulgazzjoni finali kif ukoll fl-intelliġenza tas-suq tagħhom stess fit-tweġiba tagħhom għad-divulgazzjoni finali. Il-Kummissjoni analizzat b'mod diliġenti l-kummenti ta' LG Chem u kkoreġiet in-nuqqas ta' inklużjoni tad-*data* ta' kumpanija waħda fil-makrodata minħabba żball klerikali u pproċediet bit-tieni ADD.

(53) LG Chem sostniet ukoll li d-divulgazzjoni tad-*data* addizzjonali wasslet għal bidla sinifikanti meta mqabbla mal-makrodata żvelata preċedentement, peress li mhux biss id-dimensjonijiet inbidlu b'mod sostanzjali, iżda wkoll ix-xejriet urew titjib għall-indikaturi kollha. Barra minn hekk, LG Chem argumentat li l-użu ta' firxiet, skattat biż-żieda ta' *data* li tappartjeni għal kumpanija waħda fit-tieni ADD, impedixxa lil LG Chem milli tikseb fehim raġonevoli tal-indikaturi makroekonomiċi riveduti.

(54) It-tieni ADD emendat id-*data* Makro żvelata, u bħala konsegwenza wkoll l-ishma mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u tal-pajjiżi importaturi. Din il-bidla kienet intalbet minn LG Chem innifisha fil-kummenti tagħha għad-divulgazzjoni finali qabel it-tieni ADD. Minbarra li indikat id-dimensjonijiet tad-*data* mill-ilment, LG Chem saħansitra pprovdiet *data* minn intelligence dwar is-suq, li turi valuri simili għall-firxiet ipprovduti fit-tieni ADD. Għalhekk, ma jistax jitqies li d-*data* emendata ma kinitx diġà prevista fid-difiża ta' LG Chem.

(55) F'suq b'numru limitat ta' manifatturi, id-*data* addizzjonali ta' manifattur wieħed naturalment iżżid ċifra sostanzjali mal-ammonti assoluti, li kienet antiċipata minn LG Chem fil-kummenti inizjali tagħha. Madankollu, l-allegazzjoni li dan wassal għal xejriet imtejba għall-indikaturi kollha hija qarrieqa. Ix-xejriet murija mill-indikaturi kollha marru fl-istess direzzjonijiet bħall-indikaturi żvelati oriġinarjament. L-indiċi tal-produzzjoni totali baqa' l-istess b'żieda minima biss għas-sena 2018. L-indiċi tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-indiċi totali tal-bejgħ, l-indiċi totali tal-impjiegi, l-indiċi tal-produttività u l-indiċi tal-esportazzjoni wrew xejriet li mexjin fl-istess direzzjoni, anki jekk mhux bl-istess daqs. Għall-kuntrarju ta' dak li LG Chem tallega li x-xejriet ma kinux qed jitjiebu, huma komplew juru l-istess dannu, anki jekk id-daqs tal-bidla kien differenti.

(56) Barra minn hekk, LG Chem stqarret fil-kummenti tagħha għat-tieni ADD li ċ-ċifri riveduti dwar l-ishma mis-suq fil-fatt ikkonfermaw id-dikjarazzjoni preċedenti ta' LG Chem li l-importazzjonijiet mill-Korea qatt ma qabdu ishma mis-suq mill-industrija tal-Unjoni. Din id-dikjarazzjoni turi li x-xejriet żvelati fit-tieni ADD ġeneralment ma wasslux għal bidla fil-valutazzjoni minn LG Chem. Peress li l-analiżi u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni ma nbidlux, l-argumenti kollha magħmula mill-partijiet b'risposta għad-DDĠ baqgħu validi wkoll.

(57) Fl-aħħar nett, l-użu ta' firxiet fil-makrodata ma waqqafx lil LG Chem milli tifhem il-makroindikaturi riveduti. Dawn kienu meħtieġa sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità tal-bejgħ preċiż u statistika oħra tal-produttur tal-Unjoni li l-istatistika tiegħu aċċidentalment ma ġietx ikkunsidrata matul l-iżvelar inizjali. L-indiċijiet ipprovduti mhux biss urew stampa ċara tal-evoluzzjoni tal-indikaturi, iżda wkoll il-firxiet ġew stabbiliti dojoq biżżejjed biex jinkiseb fehim raġonevoli tad-dimensjonijiet ta' kull indikatur. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet l-argument li t-terminu qasir kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' LG Chem.

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott ikkonċernat**

(58) Il-prodott ikkonċernat huwa "polimeri superassorbenti", li huma magħmulin minn granuli irregolari, tondi jew agglomerati, fil-forma ta' trab, b'dehra bajda u li ma jdubux fl-ilma, li jirriżultaw mill-polimerizzazzjoni ta' molekuli monomeriċi ma' aġenti ta' retikolazzjoni biex jiffurmaw networks ta' polimeri retikolati, b'kapaċità kbira li jassorbu u

jżommu l-ilma u likwidi milwiema, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3906 90 90 (kodiċi TARIC 3906 90 90 17), ("il-prodott ikkonċernat"). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss.

(59) Minħabba l-kapaċità ta' assorbiment eċċezzjonali tagħhom, l-SAPs jintużaw prinċipalment fi prodotti sanitarji mhux riutilizzabbli, bħal ħrieqi tat-trabi u ħrieqi tal-adulti għall-inkontinenza, u applikazzjonijiet ta' iġjene oħra, bħal prodotti tal-iġjene femminili u pads għall-ħalib tas-sider. L-SAPs jistgħu jintużaw ukoll f'industriji relatati mal-ikel, bħal aġenti refriġeranti jew li jżommu l-freskezza, u fi prodotti tad-dar, bħal pakketti tat-tiswin mhux riutilizzabbli jew fwieħa ambjentali. Barra minn hekk, l-SAPs jistgħu jintużaw fl-agrikoltura għaż-żamma tal-ilma. Madankollu, l-użu tal-SAPs fi prodotti sanitarji mhux riutilizzabbli, huwa l-użu predominanti meta mqabbel ma' applikazzjonijiet oħra, b'qabża kbira.

2.2. **Prodott simili**

(60) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott maħdum u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Korea; kif ukoll

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(61) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawk il-prodotti huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Pretensjonijiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott**

(62) Abbażi tal-evidenza pprovduta fl-ilment, il-Kummissjoni oriġinarjament iddefiniet il-prodott taħt investigazzjoni skont id-deskrizzjoni sottomessa mill-industrija tal-Unjoni u pprovdiet numru ta' kontroll tal-prodott (product control number, "PCN") uniku fil-kwestjonarji mudell.

(63) Fit-8 ta' Marzu 2021, LG Chem, li hija l-produttur esportatur li kkoopera, issottomettiet sett ta' kummenti fejn iddikjarat li l-SAPs ma setgħux jitqiesu bħala prodott omoġenju, peress li d-differenzi f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi jaffettwaw l-użi finali u l-interkambjabbiltà, kif ukoll il-proċessi tal-manifattura u l-kostijiet assoċjati tal-prezzijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, tal-prodott taħt investigazzjoni. L-istess kummenti ġew sottomessi wkoll mill-Koalizzjoni tal-utenti dwar l-użi finali tal-prodott, l-interkambjabbiltà, il-proċess tal-manifattura u l-kanali ta' distribuzzjoni. Sabiex tanalizza dawk il-pretensjonijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li titlob informazzjoni aġġornata fuq bażi aktar dettaljata tal-PCN, mill-produttur esportatur u mill-produtturi tal-Unjoni, kif muri fit-taqsima 2.3.5.

2.3.1. *Talba ta' esklużjoni għal prodotti spec-in*

(64) L-ewwel nett, LG Chem talbet l-esklużjoni mill-investigazzjoni tal-hekk imsejħa prodotti "spec-in", jiġifieri prodotti tal-SAPs li huma personalizzati biex jissodisfaw b'mod speċifiku t-talbiet u l-ħtiġijiet tal-klijenti. Hija spjegat li minħabba l-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tagħhom, dawn it-tipi ta' prodotti mhumiex interkambjabbli ma' prodotti tal-SAPs oħra.

(65) Tressqu pretensjonijiet simili rigward prodotti tal-SAPs "kożviluppati", jiġifieri prodotti li jkunu ġew żviluppati b'mod konġunt bejn LG Chem u klijent speċifiku biex jissodisfaw ir-rekwiżiti li huma esklussivi għal dan il-klijent. Minbarra l-karatteristiċi diġà deskritti għall-prodotti "spec-in", il-prodotti "kożviluppati" jippreżentaw aktar differenzi f'termini tal-kanali ta' distribuzzjoni, il-proċess ta' manifattura u l-kostijiet tal-produzzjoni. Għaldaqstant, LG Chem talbet l-esklużjoni tal-prodotti tal-SAPs "kożviluppati" mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni.

(66) LG Chem talbet ukoll l-esklużjoni ta' kanali ta' distribuzzjoni speċifiċi għax-xiri fit-tul u kuntratti ta' allokazzjoni globali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ikkonċernat peress li dawn ma jikkompetux fis-suq tal-Unjoni.

(67) Madankollu, LG Chem ma allegatx li prodotti spec-in jew kożviluppati setgħu jiġu manifatturati biss minn LG Chem u li ma kienx se jkun hemm kompetizzjoni bejn il-forniturі differenti. Minflok, prodotti "spec-in" u "kożviluppati" huma manifatturati wkoll mill-produtturi tal-Unjoni, fuq talba ta' klijenti speċifiċi, kif deskritt fil-premessi (64) u (65). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li anki l-utenti tal-SAPs "spec-in" jew tal-SAPs "kożviluppati"

għadhom iħaddmu strateġija b'diversi sorsi għall-istabbiltà tal-provvista, inkluż diversi fornituri differenti u postijiet ta' produzzjoni differenti, inkluż il-fornituri tal-Unjoni. Minbarra dan, LG Chem ma ressqitx talba biex tinkludi prodotti spec-in jew kożviluppati bħala waħda mill-karatteristiċi fil-livell tal-PCN biex jitqiesu d-differenzi allegati fil-kost tal-produzzjoni jew fil-prezzijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li jeżistu dawn id-differenzi.

(68) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba biex jiġu eskluży prodotti spec-in jew prodotti kożviluppati.

2.3.2. *Talba ta' esklużjoni għal SAPs li jikkontrollaw l-irwejjaħ*

(69) It-tieni, LG Chem talbet li jiġu eskluży prodotti tal-SAPs li jikkontrollaw l-irwejjaħ mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, peress li dawn huma differenti mill-prodotti tal-SAPs l-oħra f'termini tal-karatteristiċi tekniċi u kimiċi, il-proċess ta' manifattura, il-kostijiet assoċjati u l-użi finali. Hija spjegat li l-funzjonalità tal-kontroll tal-irwejjaħ tinkiseb billi tiżdied materja prima addizzjonali permezz ta' kompożizzjoni kimika partikolari, li tirriżulta fi prezz ogħla għall-klijenti finali. Għal dawk ir-raġunijiet, ġie ddikjarat li l-prodotti li jikkontrollaw l-irwejjaħ ma jistgħux ikunu interkambjabbli ma' prodotti tal-SAPs oħra. LG Chem ikkummentat ukoll li l-importazzjonijiet tagħha ta' prodotti li jikkontrollaw l-irwejjaħ kienu limitati ħafna u għaldaqstant l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel ta' prodotti li jikkontrollaw l-irwejjaħ ma setgħux ikkawżaw dannu lill-produtturi tal-SAPs li jikkontrollaw l-irwejjaħ tal-Unjoni.

(70) Il-Kummissjoni vverifikat diversi kuntratti ta' provvista tal-SAPs, li kien fihom l-għażla biex il-klijent jagħżel bejn SAPs li jikkontrollaw l-irwejjaħ u SAPs li ma jikkontrollawx l-irwejjaħ mingħajr l-ebda differenza fil-prezz. Dan juri li ż-żewġ firxiet tal-SAPs jikkompetu direttament ma' xulxin, minkejja d-differenzi tekniċi u kimiċi tagħhom.

(71) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba ta' esklużjoni. Madankollu, kif muri fit-taqsima 2.3.5, il-Kummissjoni inkludiet il-kontroll tal-irwejjaħ bħala waħda mill-karatteristiċi fil-livell tal-PCN biex tqis id-differenzi possibbli fil-prezzijiet li jirriżultaw miż-żieda ta' materjali li jikkontrollaw l-irwejjaħ.

2.3.3. *Talba ta' esklużjoni għall-SAPs bijoloġiċi*

(72) It-tielet, LG Chem talbet l-esklużjoni tal-prodotti tal-SAPs organiċi (l-hekk imsejħa "SAPs bijoloġiċi") mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, li kimikament huma differenti minn prodotti tal-SAPs mhux bijoloġiċi minħabba li l-bijodiżil jintuża bħala materja prima minflok iż-żejt grezz. LG Chem kompliet tispjega li l-SAPs bijoloġiċi jippreżentaw proċess ta' manifattura u kostijiet assoċjati differenti meta mqabbla ma' prodotti tal-SAPs mhux bijoloġiċi, li jirriżultaw fi prezz ogħla għall-klijenti finali. Għal dawk ir-raġunijiet, ġie ddikjarat li l-SAPs bijoloġiċi ma jistgħux ikunu interkambjabbli mal-prodotti tal-SAPs l-oħra. LG Chem ikkummentat ukoll li l-produtturi tal-Korea t'Isfel ma jfornux prodotti tal-SAPs bijoloġiċi lis-suq tal-Unjoni u, minħabba f'hekk, l-importazzjonijiet tal-SAPs bijoloġiċi tal-Korea t'Isfel ma setgħux ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. LG Chem tenniet dawn il-kummenti wara d-divulgazzjoni finali.

(73) L-ilment kopra kemm l-SAPs bijoloġiċi u dawk li mhumiex, peress li l-industrija tal-Unjoni timmanifattura t-tnejn li huma. Barra minn hekk, hemm diversi varjetajiet tal-SAPs li huma manifatturati, li jvarjaw skont il-forma u l-karatteristiċi. LG Chem ma sostanzjatx biżżejjed li l-SAPs bijoloġiċi jkollhom suq separat u li ma jikkompetux mal-SAPs magħmula minn żejt grezz. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba għall-esklużjoni.

2.3.4. *Talba ta' esklużjoni għall-SAPs industrijali*

(74) Ir-raba', LG Chem talbet l-esklużjoni tal-prodotti tal-SAPs industrijali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni u argumentat li l-SAPs għal użu mhux iġjeniku ma jistgħux jiġu assimilati mal-SAPs għal użu iġjeniku. Hija spjegat li ż-żewġ kategoriji jvarjaw fil-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi, peress li l-prodotti tal-SAPs għall-użu industrijali għandhom tendenza li jkollhom daqs ta' partiċelli iżgħar. Għal dawk ir-raġunijiet, ġie ddikjarat li l-SAPs għal użu iġjeniku ma setgħux ikunu interkambjabbli mal-SAPs għal użu industrijali. LG Chem ikkummentat ukoll li l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel tal-prodotti tal-SAPs industrijali kienu jikkorrispondu għal suq niċċa, li jirrappreżenta madwar 1 % sa 3 % tas-suq sħiħ tal-SAPs fl-Unjoni, u, minħabba f'hekk, ma setgħux ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(75) L-ilment ikopri kemm l-SAPs għal użu iġjeniku kif ukoll dawk għal użu industrijali, peress li l-industrija tal-Unjoni timmanifattura t-tnejn li huma. Minkejja li l-użi finali huma differenti, diversi aspetti tal-proċess ta' manifattura u l-karatteristiċi kimiċi u tekniċi ġenerali huma l-istess. Lanqas mhuwa meħtieġ li t-tipi kollha ta' prodotti fi ħdan investigazzjoni jikkompetu direttament ma' xulxin. Kif muri fit-taqsima 2.3.5, il-Kummissjoni segwiet it-talba biex tiddifferenzja bejn użu iġjeniku u użu industrijali bl-introduzzjoni ta' dawk il-kategoriji fil-PCN.

2.3.5. *Proposti ta' diżaggregazzjoni tal-PCN*

(76) Fit-12 ta' Marzu 2021, LG Chem issottomettiet kummenti u tenniet il-pretensjonijiet tagħha dwar in-natura mhux omoġenja tal-prodott ikkonċernat, u opponiet l-istqarrija tal-ilmentatur li l-SAPs kienu kkaratterizzati mill-kapaċità funzjonali tagħhom minflok mill-istruttura kimika tagħhom. F'dak ir-rigward, LG Chem enfasizzat li l-użu ta' PCN wieħed ma kienx jippermetti paragun ġust tat-tipi differenti ta' prodotti tal-SAPs, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u pproponiet diżaggregazzjoni tal-PCN. Din iddifferenzjat il-prodotti tal-SAPs skont il-materja prima użata fil-proċess tal-produzzjoni, il-forma, il-kapaċità medja ta' retenzjoni ċentrifugali (centrifugal retention capacity, "CRC"), l-additivi u l-funzjonalitajiet addizzjonali — inkluż il-prodotti bir-raġwa, l-antiagglomeranti, l-antiskoloranti u l-kontroll tal-irwejjaħ — u l-użi.

(77) Fid-19 ta' Marzu 2021, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, BASF u Nippon Shokubai Europe, issottomettew kummenti b'reazzjoni għas-sottomissjoni ta' LG Chem. Bħala kumment preliminari, huma ddikjaraw li l-kummenti ta' LG Chem dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ġew sottomessi wara l-iskadenza stabbilita fin-Notifika ta' Bidu u għaldaqstant jenħtieġ li jiġu injorati u rrifjutati.

(78) Fir-rigward tas-sottomissjoni ta' LG Chem dwar id-diżaggregazzjoni tal-PCN kif iddikjarata fil-premessa (76), il-produtturi tal-Unjoni ddikjaraw li, għalkemm kien korrett li jiġi ddikjarat li l-SAPs kienu kkaratterizzati minn għadd ta' parametri differenti li jistgħu jvarjaw skont ir-rekwiżiti u l-preferenzi tal-klijenti, l-ebda wieħed mill-parametri ma kien aktar rilevanti mill-ieħor fid-differenzjazzjoni tal-prodotti tal-SAPs. B'mod partikolari, huma ddikjaraw li d-differenzi f'termini tal-forma, is-CRC, l-additivi u l-funzjonalitajiet addizzjonali ma impedewx il-komparabbiltà tal-prodott u ma wasslux għal differenzi sinifikanti fil-prezzijiet, u ssottomettew evidenza b'appoġġ għal dan.

(79) Fir-rigward tad-differenzjazzjoni tal-prodotti tal-SAPs skont l-użu, il-produtturi tal-Unjoni qablu fid-dikjarazzjoni li l-SAPs maħsubin għal użu iġjeniku għandhom ikunu distinti mill-SAPs għal użu mhux iġjeniku, peress li l-użi finali jistgħu jwasslu għal differenzi fil-prezzijiet. Madankollu, l-industrija tal-UE opponiet kwalunkwe distinzjoni fi ħdan is-segment tas-suq tal-iġjene propost minn LG Chem — jiġifieri prodotti għall-kura tat-trabi, għall-kura tal-adulti jew għall-kura tan-nisa — u ddikjarat li l-prodotti tal-SAPs għal użu iġjeniku kienu komparabbli ma' xulxin. Għal dawk ir-raġunijiet, BASF u Nippon Shokubai Europe opponew id-diżaggregazzjoni tal-PCNs proposta minn LG Chem u sostnew li PCN wieħed ma jwaqqafx lil LG Chem milli titlob aġġustament skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(80) Fil-qosor, il-produtturi tal-Unjoni opponew it-talba ta' esklużjoni ta' LG Chem għall-prodott kif deskritt fit-taqsima 2.3.1 u ddikjaraw li LG Chem naqset milli turi li hemm differenzi sostantivi bejn prodotti tal-SAPs li għalihom intalbet l-esklużjoni f'termini ta' karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, l-użi, il-perċezzjoni tal-klijenti jew l-interkambjabbiltà, u prodotti oħrajn tal-SAPs.

(81) Wara t-talba għal PCN differenzjat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiġbor aktar *data* biex tanalizza t-talba.

(82) Abbażi tal-evidenza fil-fajl, il-Kummissjoni ssottomettiet Nota għall-fajl fid-9 ta' April 2021, fejn stiednet lill-partijiet interessati kollha jissottomettu *data* u jikkummentaw dwar diżaggregazzjoni ġdida tal-PCN li tqis id-differenzi fost il-prodotti tal-SAPs f'termini tal-materja prima użata fil-proċess ta' produzzjoni, il-forma, is-CRC, il-prodotti bir-raġwa u dawk mingħajr raġwa, l-antiagglomeranti, l-antiskoloranti, il-kontroll tal-irwejjaħ u l-użi.

(83) Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, BASF u Nippon Shokubai Europe, flimkien mal-produttur tal-Unjoni Evonik, tennew il-pretensjonijiet li fihom jopponu d-diżaggregazzjoni tal-PCN, filwaqt li ddikjaraw li dan kien arbitrarju u selettiv u jservi biss biex jappoġġa l-interess individwali ta' LG Chem fl-investigazzjoni.

(84) Min-naħa l-oħra, żewġ utenti, FATER u P&G, laqgħu d-deċiżjoni li ssir diżaggregazzjoni ġdida tal-PCN. Iż-żewġ utenti talbu wkoll li jiżdied kriterju wieħed ta' distinzjoni, jiġifieri "T20 — Veloċità tal-Assorbiment Dinamiku" f'sekondi, jiġifieri l-veloċità li biha l-SAPs jassorbu l-likwidi taħt pressjoni. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, iż-żewġ utenti spjegaw li l-metodu T20 kien ġie żviluppat u mtejjeb b'mod sinifikanti minn P&G fl-għaxar snin preċedenti, u

li bħalissa kien qed jintuża kemm minn P&G kif ukoll minn FATER fil-prodotti tal-SAPs tal-Ġenerazzjoni 8, li x'aktarx se jsiru prodotti tal-SAPs tal-Ġenerazzjoni 9 fl-2022. Għaldaqstant, l-introduzzjoni ta' dak il-kriterju tqieset essenzjali miż-żewġ utenti, sabiex jiġi żgurat l-ogħla grad ta' kumparabbiltà bejn il-prodotti u l-prezzijiet mal-prodotti tal-SAPs l-oħra.

(85) Il-Kummissjoni qieset li l-veloċità tal-assorbiment hija karatteristika ġenerali, li hija differenti fl-SAPs kollha. Madankollu, jekk issir differenzazzjoni tat-tipi kollha tal-SAPs ma tkun tista' ssir l-ebda kumparabbiltà bejn il-prezzijiet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba biex jiġi introdott dak il-kriterju fl-analiżi tagħha.

(86) Fit-22 ta' April 2021, il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat il-kummenti kollha li rċeviet mill-partijiet interessati u abbażi tal-evidenza fil-fajl, iddeċidiet li timmodifika d-diżaggregazzjoni tal-PCN proposta fin-Nota għall-fajl tad-9 ta' April 2021. Id-diżaggregazzjoni finali tal-PCN qieset id-differenzi fost il-prodotti tal-SAPs f'termini tal-materja prima użata fil-proċess ta' produzzjoni, il-forma, is-CRC, il-kontroll tal-irwejjaħ u l-użi, u għaldaqstant ma baqgħux jitqiesu d-differenzi li jirriżultaw mill-prodotti bir-ragħwa u dawk mingħajr ragħwa, l-antiagglomeranti u l-antiskoloranti. Il-Kummissjoni talbet lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u lill-produttur esportatur biex jerġgħu jissottomettu l-partijiet tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li kienu bbażati fuq PCN, billi jużaw id-diżaggregazzjoni finali tal-PCN.

(87) Wara d-deċiżjoni dwar id-diżaggregazzjoni finali tal-PCN, fis-27 ta' Mejju 2021, LG Chem argumentat li l-kummenti mill-partijiet interessati li ġġustifikaw il-bidla tad-diżaggregazzjoni finali tal-PCN ma tqegħdux fil-fajl mhux kunfidenzjali tal-investigazzjoni fil-ħin, bi ksur tal-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku.

(88) Il-Kummissjoni tat lil LG Chem estensjoni tal-iskadenza biex tissottometti kummenti dwar dawk il-kummenti.

(89) LG Chem argumentat ukoll li d-*data* ta' partijiet oħra b'reazzjoni għall-PCN dettaljat ma ppermettietx fehim raġonevoli tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali.

(90) Id-*data* msemmija minn LG Chem tqieset kunfidenzjali ħafna mill-Kummissjoni peress li l-kompetituri setgħu jifhmu l-istrateġiji tan-negozju tal-Industrija tal-Unjoni permezz ta' dik id-*data*. Il-Kummissjoni qieset li s-sommarji mhux kunfidenzjali kienu rappreżentattivi tad-*data* pprovduta b'mod kunfidenzjali, u ppermettiet li partijiet interessati oħra jeżerċitaw b'mod xieraq id-drittijiet ta' difiża tagħhom. Għaldaqstant, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

2.3.6. *Talba ta' esklużjoni tal-prodott għall-SAPs tal-Ġenerazzjonijiet 8 u 9*

(91) Wara d-divulgazzjoni tad-diżaggregazzjoni finali tal-PCN, żewġ utenti, FATER u P&G, talbu l-esklużjoni tal-ħekk imsejħa tipi ta' prodotti tal-SAPs tal-Ġenerazzjonijiet 8 u 9 ("SAP Generation 8 & 9"), għar-raġuni li kien hemm karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi speċifiċi li ma jippermettux l-interkambjabbiltà ma' tipi oħra ta' prodotti tal-SAPs. B'mod partikolari, kif deskritt hawn fuq fil-premessa (84), l-utenti ddikjaraw li l-metodu T20 jiddifferenzja l-prodotti tal-SAPs tal-"Ġenerazzjonijiet 8 u 9" u l-prodotti tal-SAPs l-oħra kollha fis-suq tal-Unjoni.

(92) Il-Kummissjoni investigat il-pretensjonijiet u kkonkludiet li l-prodotti tal-SAPs kollha kienu soġġetti għal speċifikazzjonijiet tekniċi jew kimiċi differenti, sa ċertu punt. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, dawn għandhom l-istess użu finali u huma interkambjabbli, u xorta jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif imsemmi fil-premessa (58). Kwalunkwe differenza minuri fl-ispeċifikazzjonijiet hija koperta mill-informazzjoni addizzjonali fil-livell tal-PCN. Għaldaqstant, il-metodu T20 użat fl-"SAPs tal-Ġenerazzjonijiet 8 u 9" ma ġġustifikax l-esklużjoni tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott fl-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-pretensjonijiet ma ntlaqgħux.

(93) Fil-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni finali, P&G u Fater iddikjaraw li l-Kummissjoni wriet b'mod mhux preċiż il-veloċità ta' assorbiment bħala "karatteristika ġenerali" li tvarja fil-prodotti SAP kollha. Huma kkummentaw li, bħala konsegwenza, il-ħames deskritturi użati fit-tqassim finali tal-PCN jistgħu jitqiesu ugwalment bħala "karatteristiċi ġenerali" li jvarjaw fil-prodotti SAP kollha. Għalhekk P&G u Fater issuġġerew li l-użu tal-livell T20 bħala limitu fl-analiżi tal-PCN kien jippermetti lill-Kummissjoni tasal għal analiżi tal-PCN aktar preċiża.

(94) Huma sostnew ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tissostanzja r-raġunijiet li għalihom "il-metodu T20 użat fil-"Ġenerazzjoni SAP 8 u 9" ma ġġustifikax l-esklużjoni tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott". Huma argumentaw ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tindirizza l-fatturi addizzjonali li jikkaratterizzaw il-metodu T20,

bħall-proċess ta' manifattura u l-perċezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll id-differenzi tiegħu f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi, meta kkonkludiet li l-prodotti SAP kollha għandhom "l-istess użu finali u huma skambjabbli" u li "kwalunkwe differenza minuri fl-ispeċifikazzjonijiet hija koperta mill-informazzjoni addizzjonali fil-livell tal-PCN".

(95) P&G u Fater sostnew ukoll li l-Kummissjoni injorat l-evidenza pprovduta b'appoġġ għall-fatt li l-proċess ta' manifattura għal SAP Ġenerazzjoni 8 u 9 huwa fundamentalment differenti minn dak ta' tipi oħra ta' SAP.

(96) Fl-aħħar nett, P&G u Fater sostnew li l-esklużjoni tal-prodotti SAP tal-Ġenerazzjoni 8 u 9 mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni tkun fl-interess tal-Unjoni, peress li tevita impatt detrimentali fuq il-prezzijiet tal-ħrieqi P&G u Fater għall-bejjiegħa bl-imnut filwaqt li tippermetti li l-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti SAP oħra jibqgħu fis-seħħ.

(97) Kif żvelat lill-partijiet interessati, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-differenzi tekniċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-esklużjoni (ara l-premessa (92)). P&G u Fater ma kkontestawx li l-produzzjoni ta' dan it-tip ta' SAP hija bbażata fuq l-istess materja prima bħal SAP oħra u li l-użu fi prodotti tal-iġjene tat-trabi u tal-adulti jikkompeti ma' SAP ieħor użat fl-istess tip ta' prodotti. Barra minn hekk, il-fatt waħdu li utenti speċifiċi fasslu l-produzzjoni tagħhom għal SAP b'karatteristiċi speċifiċi ma jiġġustifikax l-esklużjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li hija naqset milli tindirizza kwalunkwe fattur fil-valutazzjoni tagħha. L-interess tal-Unjoni huwa indirizzat ulterjorment fit-Taqsima 6.

2.3.7. *Talba għall-esklużjoni tal-prodott minn Kimberly-Clark*

(98) Fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni finali, Kimberly-Clark talbet lill-Kummissjoni teskludi tip speċifiku ta' SAP użat fil-proċess tal-manifattura tagħha mill-ambitu tal-prodott. .

(99) Il-Kummissjoni nnotat li Kimberly-Clark ma ressqet l-ebda evidenza biex issostni d-dikjarazzjoni tagħha dwar karatteristiċi tekniċi differenti. Hija lanqas ma kkontestat li t-tip speċifiku ta' SAP tagħha huwa bbażat fuq l-istess materja prima bħal SAP oħra u li tikkompeti ma' SAP ieħor użat fl-istess tip ta' prodotti. Barra minn hekk, minħabba s-sottomissjoni ta' din it-talba ta' esklużjoni fi stadju tard ħafna tal-proċedura, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tivverifika d-dikjarazzjonijiet li ċerti produtturi ma jkunux jistgħu jipproduċu dan it-tip ta' SAP. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba ta' esklużjoni.

3. **DUMPING**

3.1. **Valur normali**

(100) Il-kampjunar ma ġiex applikat għall-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea. LG Chem kienet l-uniku produttur esportatur tal-prodott ikkonċernat li kkoopera fir-Repubblika tal-Korea.

(101) L-ewwel, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' LG Chem kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Abbażi ta' hekk, il-bejgħ totali ta' LG Chem tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(102) Il-Kummissjoni mbagħad identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fil-livell domestiku minn LG Chem li kienu identiċi jew kumparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(103) Wara dan, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn LG Chem fis-suq domestiku tagħha, għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew kumparabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, kienx rappreżentattiv f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott ikun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.

(104) Il-Kummissjoni stabbiliet li erba' tipi ta' prodotti ma nbigħux minn LG Chem fis-suq domestiku tagħha. Għal dawk it-tipi ta' prodotti, il-valur normali nħadem kif spjegat fil-premessi (111) sa (112).

(105) Tip wieħed ta' prodott inbiegħ f'volumi li jirrappreżentaw 4,3 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni ta' LG Chem lejn l-Unjoni, biss ftit inqas mil-livell limitu ta' 5 %. Peress li l-prezz tal-bejgħ kien jikkonforma mal-prezzijiet tal-mudelli kumparabbli mibjugħa fis-suq domestiku, il-Kummissjoni qisitu rappreżentattiv tas-suq ikkonċernat.

(106) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku reali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(107) Il-valur normali jkun ibbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ ikunx profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkulat ta' produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs il-kost unitarju tal-produzzjoni jew ogħla minnu.

(108) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dan it-tip ta' prodott matul il-PI.

(109) Il-valur normali jkun il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tipi ta' prodotti matul il-PI, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ profittabbli tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip jew inqas minnu;

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(110) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li aktar minn 80 % ([9]) tal-bejgħ domestiku kollu tat-tipi ta' prodotti li huma identiċi jew kumparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kien profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. B'hekk, għal dawk it-tipi ta' prodotti, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-PI.

(111) Għal dawk it-tipi ta' prodotti li ma kellhom l-ebda bejgħ tal-prodott simili fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3)(6) tar-Regolament bażiku.

(112) Għall-erba' tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru fil-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.

3.2. **Prezz tal-esportazzjoni**

(113) LG Chem esportat lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti jew indirettament permezz ta' LG Chem Europe, importatur relatat fl-Unjoni.

(114) Rigward il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz imħallas realment jew li jrid jiġi mħallas għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(115) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni finali LG Chem ikkontestat l-aġġustament li l-Kummissjoni għamlet għall-provvediment tal-kost tal-kreditu għall-bejgħ dirett tagħha lill-Unjoni bl-użu tar-rata tal-imgħax ta' 3 xhur fil-Korea u abbażi tal-munita tal-kontijiet tal-kumpanija (KRW). Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni kellha tuża r-rata LIBOR użata minn LG Chem fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju u abbażi tal-munita tal-fattura (EUR).

(116) LG Chem argumentat li l-konċessjoni għandha tirrifletti l-ispiża bbażata fuq it-termini tal-ħlas miftiehma fiż-żmien tal-bejgħ. Fil-fehma tagħha t-termini ta' pagament miftiehma huma l-muniti li fihom huma denominati l-fatturi u għalhekk il-Kummissjoni kellha tapplika r-rati tal-imgħax tal-LIBOR fuq terminu qasir għal EUR.

([9]) Iċ-ċifra eżatta mhijiex provduta peress li din hija *data* speċifika għall-kumpanija.

(117) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma. Kif spjegat ukoll fil-kwestjonarju, "*il-kreditu jirreferi għall-ispiża taż-żmien li x-xerrej jingħata biex iħallas il-merkanzija, jiġifieri miftiehma fit-termini tal-ħlas*". Għalhekk, it-termini miftiehma huma l-jiem li x-xerrej jingħata biex iħallas il-fattura. Fir-rigward tar-rata tal-imgħax, din għandha tirrifletti l-ispiża li l-kumpanija kienet tħallas għas-self tagħha stess fuq perjodu qasir tal-istess ammont tal-fattura. Għalhekk, għandha tkun ibbażata fuq il-KRW, li hija l-munita funzjonali tal-kumpanija.

(118) Il-prezz tal-esportazzjoni għall-bejgħ permezz ta' LG Chem Europe ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat inbiegħ mill-ġdid għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-ispejjeż SG&A, u għall-profitti dovuti.

(119) Fir-rigward tal-marġni ta' profitt użat, LG Chem Europe ddikjarat li jenħtieġ li jintuża l-marġni ta' profitt tagħha stess peress li, fil-fehma tagħha, dan kien preċiż u raġonevoli.

(120) Madankollu, instab li l-metodu tal-allokazzjoni kien affettwat bis-sħiħ mill-assoċjazzjoni bejn iż-żewġ kumpaniji peress li kien allokat b'mod dirett minn LG Chem. Għaldaqstant, il-prezz tat-trasferiment ma kienx prezz li kieku kien jiġi stabbilit permezz ta' negozjati ma' importatur indipendenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ikkonkludiet li l-marġni ta' profitt ta' LG Chem Europe ma kienx raġonevoli. Skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, jitqies xieraq li jintuża marġni ta' profitt raġonevoli indipendentement mill-profitt reali li jirriżulta mill-prezz tat-trasferiment sabiex jiġu evitati kwalunkwe effetti distortivi li jistgħu jirriżultaw mill-prezz tat-trasferiment, f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-qrati tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(121) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe importatur mhux relatat li kkoopera, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrikorri għall-marġni ta' profitt użat fi proċediment preċedenti li kien jikkonċerna prodott kimiku ieħor manifatturat minn industrija simili u importat f'ċirkostanzi simili, jiġifieri marġni ta' profitt ta' 6,89 % ([10]) stabbilit fl-investigazzjoni dwar l-alkoħols tal-polivinil. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dak il-marġni ta' profitt huwa l-aktar bażi oġġettiva disponibbli biex wieħed jasal għal stima sodisfaċenti ta' prezz ta' distakkament tal-esportazzjoni.

(122) Wara d-divulgazzjoni finali l-kumpanija tenniet l-affermazzjoni tagħha u ppreżentat kalkolu mmirat biex juri li l-kost tax-xiri ta' LG Chem Europe minn LG Chem kien ogħla mill-prezz tal-bejgħ ta' PCNs identiċi mibjugħa direttament minn LG Chem lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni. Għalhekk, fil-fehma tagħha, dan wera li l-marġni ta' profitt ta' LG Chem Europe kien ibbażat fuq kost ta' distakkament tax-xiri u għalhekk jenħtieġ li jintuża għall-aġġustament skont l-Artikolu 2(9).

(123) Fil-kalkolu tagħha, LG Chem qabblet il-prezz ta' LG Chem Europe (wara li naqqset il-konċessjonijiet, l-SGA u l-profitt kif stabbilit fl-investigazzjoni PVA) mal-bejgħ dirett ta' LG Chem fl-UE (wara t-tnaqqis tal-kwoti) u għalhekk ma pprovdiet l-ebda evidenza li tikkontradixxi l-argument li l-allokazzjoni tal-profitt kienet affettwata bis-sħiħ mill-assoċjazzjoni bejn iż-żewġ kumpaniji, kif stabbilit matul l-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-prezzijiet mill-fabbrika ta' LG Chem Europe flimkien ma' SG &A u l-profitt stabbiliti fl-investigazzjoni PVA kienu bħala medja [5 % - 8 %] ogħla mill-prezzijiet mill-fabbrika tal-bejgħ dirett ta' LG Chem. Fil-fehma tal-Kummissjoni, din il-firxa hija perfettament konformi mal-mark-up li importatur mhux relatat jitlob. Il-pretensjoni għalhekk ġiet irrifjutata.

(124) LG Chem ikkontestat ukoll l-użu tal-marġni ta' profitt stabbilit fl-investigazzjoni tal-PVA. Il-kumpanija argumentat li kienet stabbilita f'perjodu ta' żmien differenti mill-investigazzjoni attwali u li kien hemm differenzi sinifikanti fid-distribuzzjoni tal-SAP meta mqabbla mal-PVA. Fil-fehma tagħha, l-ewwel nett il-kundizzjoni tas-suq għall-PVA nbidlet b'mod sinifikanti bit-tnaqqis tal-marġni ta' profitt tal-importaturi fis-settur kimiku meta mqabbel mal-PI tal-investigazzjoni attwali u t-tieni, l-SAP huwa prodott kożviluppat bejn il-produttur u l-klijent li normalment jinbiegħ permezz ta' kuntratti fit-tul, filwaqt li l-PVA huwa prodott ta' komodità mibjugħ permezz ta' bejgħ spot.

(125) Il-Kummissjoni ma tqisx il-marġni ta' profitt stabbilit fl-investigazzjoni tal-PVA bħala mhux xieraq. L-ewwel nett, l-informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati wriet li l-marġni ta' profitt medju tal-importaturi fis-settur tal-prodotti kimiċi ta' speċjalità kien ivarja bejn 10 % u 15 % fl-2020. It-tieni, għall-kuntrarju tal-argument ta' LG Chem, il-PVA huwa wkoll prodott li spiss jiġi żviluppat skont l-ispeċifikazzjoni tal-klijenti u spiss jinbiegħ permezz

([10]) Il-Premessa (352) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336, tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1).

ta' kuntratti fit-tul, kif ikkonfermat fl-investigazzjoni dwar il-PVA. It-tielet, id-*data* miġbura wriet li l-profitt tal-importaturi mhux relatati li kkooperaw fl-investigazzjoni tal-PVA baqa' fl-istess firxa anki qabel il-PI tal-investigazzjoni tal-PVA. Għaldaqstant, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

3.3. **Offerta ta' impenn**

(126) Wara d-divulgazzjoni finali, sal-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku, LG Chem, flimkien ma' LG Chem Europe, ippreżentaw offerta għal impenn fuq il-prezz. Il-kumpanija offriet żewġ prezzijiet minimi medji tal-importazzjoni (PMI) soġġetti għall-indiċjar.

(127) F'sett ta' kummenti sottomessi lill-Kummissjoni, l-ilmentaturi u Evonik opponew l-offerta ta' LG Chem għal għadd ta' raġunijiet, bħar-riskju għal kumpens trasversali tal-prezzijiet u r-riskju li l-PMI jista' jsir prezz ta' referenza fis-suq tal-Unjoni u b'hekk inaqqas il-kompetizzjoni. Huma talbu li l-offerta ta' LG Chem tiġi miċħuda.

(128) Barra minn hekk, l-ilmentaturi u Evonik argumentaw li n-nuqqas ta' konformità tar-Repubblika tal-Korea ma' ċerti dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet tal-ILO jista' jgħawweġ l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-SAP Korean u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa kwalunkwe tqabbil tal-prezzijiet bejn il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjoni Koreani. Huma talbu lill-Kummissjoni biex tqis din id-distorsjoni fl-investigazzjoni preżenti, tal-inqas fl-eżami ta' kwalunkwe offerta ta' impenn fuq il-prezz ippreżentata mill-produttur esportatur.

(129) Il-Kummissjoni ma qisitx li kellha biżżejjed evidenza fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni rigward in-nuqqas ta' konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet tal-ILO sabiex tasal għal kwalunkwe konklużjoni fir-rigward tad-distorsjonijiet tal-kostijiet lavorattivi. Fi kwalunkwe każ, l-offerta ta' impenn ippreżentata minn LG Chem kellha tiġi miċħuda għal raġunijiet oħra u għalhekk ma kinitx meħtieġa evalwazzjoni f'dan ir-rigward.

(130) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, l-offerti ta' impenn fuq il-prezz iridu jkunu adegwati biex jeliminaw l-effett dannuż tad-dumping u l-aċċettazzjoni tagħhom ma għandhiex titqies li mhux prattika. Il-Kummissjoni vvalutat l-offerta fid-dawl ta' dawn il-kriterji u kkonkludiet li l-aċċettazzjoni tagħha ma tkunx prattika u ma tkunx telimina l-effetti dannużi tad-dumping għar-raġunijiet li ġejjin.

(131) L-ewwel nett, il-prezz tal-prodott ikkonċernat u tal-materja prima li fuqha kien ibbażat l-indiċjar propost huma volatili. Iffaċċjat b'din il-volatilità, ma jistax jiġi garantit li PMI ikun biżżejjed biex jelimina l-effetti dannużi tad-dumping matul il-perjodu tal-miżuri.

(132) It-tieni, LG Chem esportat diversi tipi differenti ta' prodotti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, b'varjazzjoni fil-prezz ta' [30 % - 40 %]. PMI medju ponderat għal kull kategorija tal-prodott ikkonċernat jirriżulta f'PMI li jkun taħt il-prezz mhux oġġett ta' dumping għal xi tipi ta' prodotti SAP, filwaqt li titqies ukoll il-volatilità tal-prezz kif spjegat hawn fuq.

(133) It-tielet, il-PMI proposti huma indiċjati fuq iż-żewġ materji primi prinċipali għall-formula tal-prezz tas-SAP, il-propilen u s-soda kawstika. Madankollu, fatturi importanti oħra bħall-ispejjeż tal-enerġija ma jitqisux fl-indiċjar.

(134) Ir-raba', it-tipi ta' prodotti SAP u l-PCNs ma jistgħux jintgħarfu faċilment minn xulxin permezz ta' spezzjoni fiżika. Dan jinvolvi riskju għoli li tipi ta' prodotti aktar għaljin possibbilment jiġu ddikjarati ħażin bħala tipi ta' prodotti orħos. Dan jirrendi l-impenn diffiċli biex jiġi mmonitorjat u għalhekk mhux prattiku skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku.

(135) Il-ħames, LG Chem għandha struttura globali magħmula minn diversi kumpaniji relatati, fl-Unjoni u barra minnha, u tbigħ għadd kbir ta' prodotti kimiċi oħra lil klijenti globali bbażati fl-Unjoni u barra minnha. SAP spiss jinbiegħ permezz ta' kuntratti ta' allokazzjoni globali li fihom klijent li jinsab f'diversi postijiet madwar id-dinja jinnegozja ma' LG Chem għall-volum u l-prezzijiet għall-entitajiet relatati kollha tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ikun impossibbli għall-Kummissjoni li timmonitorja b'mod effettiv dawn it-tranżazzjonijiet peress li dawn iseħħu barra mill-Unjoni u dan jippermetti lil LG Chem tikkumpensa faċilment il-prezzijiet fl-Unjoni bi prezzijiet barra mill-Unjoni għall-klijenti globali. Dan, waħdu, jagħmel l-offerta mhux prattika.

(136) Il-Kummissjoni bagħtet ittri lill-applikant, fejn esponiet ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq għaċ-ċaħda tal-offerti ta' impenn. L-applikant ippreżenta l-kummenti tiegħu. Dawn il-kummenti tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati fil-fajl tal-każ.

(137) Fl-osservazzjonijiet tagħha, LG Chem ikkontestat ir-raġunijiet li l-Kummissjoni ressqet sabiex tiċħad l-offerta ta' impenn tagħha. Fil-fehma ta' LG Chem, il-mekkaniżmu ta' indiċjar propost kien kapaċi jaqbad il-volatilità tal-prezzijiet u jiżgura li l-PMI elimina l-marġni ta' dumping matul id-durata kollha tal-miżuri. Fir-rigward tat-tipi differenti ta' prodotti, LG Chem sostniet li l-varjazzjoni sinifikanti fil-prezz tat-tipi ta' prodotti differenti kienet ikkawżata minn PCN wieħed esportat fi kwantitajiet limitati, u offriet li tirrevedi l-offerta tagħha u bbażatu fuq it-tliet PCNs simplifikati użati għal skopijiet ta' twaqqigħ tal-prezz. Hija argumentat ukoll li ma kien hemm l-ebda riskju ta' kumpens reċiproku fost it-tipi differenti ta' prodotti, peress li l-karatteristiċi differenti jistgħu jiġu vverifikati faċilment mill-awtoritajiet doganali permezz ta' dokumenti tal-bejgħ u skeda ta' *data* teknika li jridu jitħejjew minn LG Chem għal kull konsenja. Fl-aħħar nett, LG Chem argumentat li ma kien hemm l-ebda riskju ta' kumpens inkroċjat permezz tal-kuntratti ta' allokazzjoni fit-tul u globali u offriet li tipprovdi informazzjoni dwar il-bejgħ li sar lil klijenti globali ġewwa u barra l-UE biex jittaffa r-riskju.

(138) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-indiċjar propost jista' jkopri mill-inqas parti mill-volatilità osservata tal-prezzijiet. Madankollu, il-PMI proposti kienu bbażati biss parzjalment fuq il-formula tal-prezz tal-materja prima filwaqt li l-parti fissa, li tammonta għal madwar 50 % tal-prezz tal-SAP, ġiet iffissata. Barra minn hekk, anki fir-rigward tat-tipi differenti ta' prodotti, anki jekk il-PCN uniku esportat fi kwantitajiet limitati ma ġiex ikkunsidrat, il-varjazzjoni fil-prezz tad-disa' PCNs li jifdal xorta tkun ta' madwar [15 % - 30 %]. Fir-rigward tar-riskju ta' kumpens trażversali, fil-fehma tal-Kummissjoni d-dokumenti tal-bejgħ waħedhom ma jipprevenux ir-riskju ta' dikjarazzjoni ħażina peress li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu biss jistrieħu fuq dawk id-dikjarazzjonijiet. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-offerta ta' LG Chem li tipprovdi informazzjoni dwar il-bejgħ magħmul lill-klijenti globali. Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni, dan ma jnaqqasx ir-riskju ta' kumpens reċiproku peress li l-Kummissjoni ma jkollhiex il-mezzi biex tivverifika li l-informazzjoni rilevanti kollha ġiet ipprovduta u jkun estremament diffiċli li jiġi infurzat l-impenn ta' LG Chem. Il-pretensjoni għalhekk ġiet irrifjutata.

(139) Barra minn hekk, LG Chem sostniet li r-raġunijiet imressqa mill-Kummissjoni sabiex tiċħad l-offerta tagħha ta' impenn fuq il-prezzijiet ma kinux konsistenti mal-konklużjonijiet tad-dokument ta' informazzjoni ġenerali. Il-kumpanija argumentat li: *(i)* il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-prezz tal-prodott ikkonċernat kien volatili iżda, fil-fehma tagħha, dan ma kienx konsistenti mal-allegazzjoni li l-importazzjonijiet Koreani rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, *(ii)* il-Kummissjoni argumentat li LG Chem esportat 10 tipi ta' prodott differenti li setgħu jiġu identifikati minn fatturi bħall-forma tal-granuli tal-prodott, il-grad ta' porożità, id-densità tal-massa u d-distribuzzjoni tad-daqs tal-partiċelli, għall-kuntrarju tad-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali fejn il-Kummissjoni bbażat il-kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz u tad-dannu fuq PCN simplifikat, li jikkunsidra biss l-inklużjoni tal-kontroll tal-irwejjaħ u l-użu tal-prodott (iġjeniku kontra l-industrija), *(iii)* fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali, il-Kummissjoni ma kkunsidratx il-formula tal-prezz SAP u l-kostijiet tal-produtturi tal-Unjoni bħala fatturi rilevanti li jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, filwaqt li qieset li hija tirrifjuta l-offerta ta' impenn, *(iv)* il-Kummissjoni qieset ir-rilevanza ta' kuntratti ta' allokazzjoni fit-tul u globali biex tirrifjuta l-offerta ta' impenn ta' LG Chem, iżda ma kkunsidrathiex fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali, speċjalment fir-rigward tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-effetti tal-importazzjonijiet mill-Ġappun.

(140) Dawn l-argumenti kellhom jiġu miċħuda. L-ewwel nett, il-fatt li l-prezzijiet tqiesu volatili, jiġifieri l-prezzijiet ivarjaw skont il-prezzijiet tal-materja prima, kien diġà analizzat mill-Kummissjoni. Instab li kellha impatt negliġibbli fuq il-profittabbiltà u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, kif spjegat fil-premessi (283) sa (288), peress li, minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Korea, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħolli l-prezzijiet sal-istess punt bħall-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha (ara wkoll il-premessa (249)). It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset il-karatteristiċi differenti ta' SAP fir-rigward tal-kapaċità tal-uffiċjali doganali li jiddistingwu t-tipi differenti ta' prodotti u l-infurzabbiltà tal-impenn propost. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (182), fil-fehma tal-Kummissjoni, il-PCN simplifikat użat fil-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz kien dettaljat biżżejjed biex ikopri l-influwenza tal-kost u tal-prezz tal-karatteristiċi ewlenin tal-SAP. It-tielet nett, bħal fil-każ tal-punt preċedenti, il-kuntratti ta' allokazzjoni globali tqiesu rilevanti peress li huma ta' theddida għall-monitoraġġ u l-infurzabbiltà tal-impriża minħabba r-riskju ta' kumpens reċiproku. Barra minn hekk, il-kummenti ta' LG Chem fir-rigward tal-impatt tal-kuntratti ta' allokazzjoni globali fuq l-effetti tal-importazzjonijiet mill-Ġappun, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u n-negozjati dwar il-prezzijiet globali ġew analizzati mill-Kummissjoni fit-taqsimiet 5.2.3, 5.2.4 u 5.2.8.

(141) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset l-offerta ta' impenn mhux infurzabbli u għalhekk mhux prattika skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, u għalhekk irrifjutat l-offerta.

3.4. **Tqabbil**

(142) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera fuq bażi ex-works.

(143) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali ġie aġġustat għat-trasport, l-ispejjeż tal-ippakkjar, il-kostijiet tal-kreditu u l-ispejjeż għall-assistenza teknika. Il-prezz tal-esportazzjoni għall-ġestjoni, it-tagħbija u kostijiet anċillari, it-trasport, l-assigurazzjoni, l-ispejjeż tal-ippakkjar, l-imposti fuq l-importazzjonijiet u r-restituzzjoni tad-dazji, il-kostijiet tal-kreditu, it-tariffi bankarji, l-ispejjeż għall-assistenza teknika meta jinsab li dawn kienu raġonevoli, preċiżi u appoġġati minn evidenza vverifikata.

(144) LG Chem iddikjarat livell ta' aġġustament tal-kummerċ għall-bejgħ domestiku. Il-kumpanija argumentat li l-funzjonijiet tal-bejgħ għall-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni jitwettqu mhux biss mill-importatur relatat tagħha LG Chem Europe, iżda wkoll mit-tim tal-bejgħ fil-kwartieri ġenerali ta' LG Chem fir-Repubblika tal-Korea. Fil-fehma tagħha, peress li l-Kummissjoni aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni għall-ispejjeż SG&A tal-importatur relatat, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, b'analoġija, jenħtieġ li mill-prezz domestiku, il-Kummissjoni tnaqqas ukoll l-ispejjeż tal-bejgħ imġarrba mit-tim tal-bejgħ fir-Repubblika tal-Korea għall-bejgħ domestiku tagħha.

(145) Dik il-pretensjoni ma setgħetx tintlaqa'. L-ewwel nett, l-aġġustament skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għandu l-għan li jibni prezz tal-esportazzjoni affidabbli mhux affettwat mir-relazzjoni bejn l-esportatur fil-pajjiż esportatur u l-importatur relatat fl-Unjoni. L-aġġustamenti jridu jkopru l-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid (u għall-profitti li jakkumulaw) dment li dawk l-oġġetti normalment jiġġarrbu minn importatur. LG Chem ma pprovdiet l-ebda evidenza li t-tħaddim tal-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) mar lil hinn minn dak li huwa meħtieġ skont dik id-dispożizzjoni. Il-fatt li d-determinazzjoni tal-valur normali u tal-prezz tal-esportazzjoni hija rregolata minn dixxiplini differenti mhuwiex fattur li jaffettwa l-komparabbiltà tal-prezzijiet u li jeħtieġ li jiġi indirizzat b'aġġustament skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. LG Chem ma ressqitx evidenza li l-aġġustamenti mwettqa skont l-Artikolu 2(10) kif imfakkar fil-premessa (143) mhumiex adegwati biex isir tqabbil ġust bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, jew li bigħu lil tipi ta' klijenti differenti fis-suq domestiku meta mqabbel mas-suq tal-Unjoni.

3.5. **Marġni tad-dumping**

(146) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(147) Abbażi ta' hekk, il-marġni medju ponderat definittiv tad-dumping, espress bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, tal-assigurazzjoni u tan-nol (cost, insurance and freight, "CIF") fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, jammonta għal 13,4 % għall-uniku produttur esportatur li kkoopera.

(148) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-Repubblika tal-Korea, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi.

(149) Peress li kien hemm żewġ produtturi oħra fir-Repubblika tal-Korea li ma kkooperawx fl-investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-kooperazzjoni kienet baxxa. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tal-ogħla marġni tad-dumping ta' tip ta' prodott rappreżentattiv.

(150) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
LG Chem Ltd.	13,4 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,8 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(151) Il-prodott simili kien immanifatturat minn ħames produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(152) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 346 590 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġibiet għall-kwestjonarji dwar l-anti-dumping mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kif ukoll it-tweġiba għall-kwestjonarju makro minn produttur tal-Unjoni mhux inkluż fil-kampjun. Dik id-*data* ġiet kontroverifikata maċ-ċifri fl-ilment għall-affidabbiltà u l-kompletezza. Kif indikat fil-premessa (41), iż-żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun irrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni

(153) Il-Kummissjoni sabet li t-totalità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għas-suq ħieles u għaldaqstant hija soġġetta għal kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat. Għal dawk ir-raġunijiet, il-Kummissjoni eżaminat l-indikaturi ekonomiċi kollha relatati mal-industrija tal-Unjoni fit-totalità tagħhom.

4.3. Konsum tal-Unjoni

(154) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tat-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni għall-kwestjonarju dwar l-anti-dumping, il-kwestjonarju makro kif ukoll l-importazzjonijiet ibbażati fuq id-*data* tal-Eurostat.

(155) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2017	2018	2019	PI
Konsum totali tal-Unjoni	[630 000-665 000]	[630 000-665 000]	[630 000-665 000]	[630 000- 665 000]
Indiċi	*100*	*100*	*100*	*100*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u dawk mhux inklużi fil-kampjun kif ukoll il-Eurostat

(156) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum totali tas-suq ħieles baqa' stabbli b'varjazzjonijiet minimi b'mod ċar inqas minn 1 %.

4.4. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(157) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-kodiċi NM ([11]) estratt mill-bażi tad-*data* tal-Eurostat, aġġustat b'informazzjoni minn TRASS ipprovduta fl-ilment, sabiex jiġu identifikati l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Dak l-aġġustament kien meħtieġ peress li d-*data* tal-Eurostat għall-kodiċi NM kienet tinkludi proporzjon ta' prodotti oħra, li jfixkel kemm il-kwantitajiet kif ukoll il-prezzijiet. L-aġġustament ma ġiex ikkontestat minn kwalunkwe parti interessata. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat meta mqabbel mal-volum tal-konsum totali tal-Unjoni kif muri fit-Tabella 2.

([11]) Kodiċi NM 3906 90 90

(158) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem talbet divulgazzjoni addizzjonali dwar il-metodoloġija użata biex jiġu ddeterminati l-volumi u l-valuri tal-importazzjoni, kif ukoll divulgazzjoni tal-estrazzjoni dettaljata tad-*data* mit-trass. Il-Kummissjoni pprovdiet l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

(159) Kif spjegat fil-paragrafu 18 tal-ilment, il-kodiċi NM 3906 90 90 mhuwiex iddedikat esklussivament għall-SAP. L-ilmentatur ipprovda stima tal-proporzjon ta' SAP li jinsab fil-volum kollu kklerjat taħt il-kodiċi NM 3906 90 90 abbażi tad-*data* TRASS. Kif jidher mill-verżjoni miftuħa tal-Anness 5–1 "Importazzjonijiet ta' SAP lejn l-UE" għall-ilment, matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-esportazzjonijiet SAP lejn l-UE kien jikkorrispondi għal 84 % tal-importazzjonijiet totali doganali rilaxxati taħt il-kodiċi NM 3906 90 90. L-Anness jindika wkoll li din l-informazzjoni ntużat mill-ilmentatur biex isiru aġġustamenti fid-*data* tal-Eurostat.

(160) Il-Kummissjoni użat l-istess metodoloġija bħall-ilmentatur, li nstab li kienet xierqa u mhux ikkontestata, kif imsemmi fil-premessa (119) tad-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali ("DDĠ") tad-divulgazzjoni finali.

(161) Il-Kummissjoni ċċarat ukoll li l-bażi tad-*data* TRASS tippermetti li tintgħażel id-denominazzjoni tal-prodotti. Għalhekk, il-volum u l-valur tal-esportazzjonijiet mill-Korea lejn l-UE magħmula taħt il-kodiċi HS 3906 90 90 ġew iffiltrati sabiex jiġu inklużi biss denominazzjonijiet tal-prodott li jikkorrispondu għall-SAP. Intgħażlu 15 prodott.

(162) Madankollu, it-trass jippermetti biss l-estrazzjoni tad-data meta tkun disponibbli *data* ta' mill-inqas 3 kumpaniji. Fl-2018 dan ma kienx il-każ. Peress li l-proporzjon tal-esportazzjonijiet SAP fi trass mad-*data* tal-Eurostat taħt il-kodiċi NM 3906 90 90 kien stabbli għas-snin l-oħra, il-Kummissjoni kkalkulat valur għall-2018 billi użat il-proporzjon medju tas-snin l-oħra.

(163) Id-*data* TRASS sottostanti hija soġġetta għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ma tistax tiġi żvelata mill-Kummissjoni, iżda hija disponibbli għax-xiri.

(164) L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2017	2018	2019	PI
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati)	83 499	94 343	114 896	110 903
Indiċi	*100*	*113*	*138*	*133*
Sehem mis-suq	[12%-14%]	[13 %-15 %]	[16 %-18 %]	[16 %-18 %]
Indiċi	*100*	*114*	*138*	*133*

Sors: *Data* mill-Eurostat u TRASS

(165) L-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea żdiedu minn madwar 83 500 tunnellata għal madwar 110 900 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat, li jirrappreżentaw żieda ġenerali ta' 33 % bejn l-2017 u l-PI. Dik iż-żieda kienet ogħla b'mod sinifikanti miż-żieda fil-konsum.

(166) L-aktar żieda sinifikanti fil-volum tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea ġiet irreġistrata bejn l-2018 u l-2019, b'żieda sena wara sena ta' 22 %, segwita minn tnaqqis ta' 3.5 % bejn l-2019 u l-PI.

(167) Minħabba f'hekk, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ta' prodotti tal-Korea t'Isfel żdied minn [12%-14%] għal [16%-18%] matul il-perjodu kkunsidrat, li jirrappreżenta żieda ta' 33 % bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Ta' min jinnota li kemm il-volumi tal-importazzjonijiet kif ukoll is-sehem mis-suq tar-Repubblika tal-Korea ġeneralment urew żieda rapida matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(168) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat, billi użat il-kodiċi TARIC indikat fil-premessa (157) aġġustat bid-data minn TRASS, kif spjegat fil-premessi (157) sa (162).

(169) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem indikat li d-*data* tal-Eurostat kien fiha prezzijiet fuq bażi CIF. Il-Kummissjoni qieset dan u b'hekk ikkonvertiet il-prezzijiet tal-importazzjoni FOB mill-bażi tad-*data* TRASS għal CIF billi użat il-proporzjon bejn FOB għall-valur CIF mid-*data* vverifikata ta' LG Chem. Iċ-ċifri aġġustati huma murija hawn taħt fit-Tabella 3.

(170) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2017	2018	2019	PI
Prezz tal-importazzjonijiet	1 191	1 252	1 169	1 074
Indiċi	*100*	*105*	*98*	*90*

Sors: Data minn TRASS ipprovduta fl-ilment.

(171) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea naqsu b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat minn EUR 1 191/tunnellata għal EUR 1 074/tunnellata. Dawk il-prezzijiet baqgħu b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu kkunsidrat, kif muri fit-Tabella 7.

(259) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, kuntratti spec-in, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-pandemija tal-COVID-19, il-formula tal-prezz fil-kuntratti tal-provvista tal-materja prima, il-formula tal-prezzijiet fil-kuntratti tal-provvista tal-SAPs, il-kostijiet taż-żidiet fil-kapaċità u l-kost għar-R&Ż.

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

(260) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea żdied (kif muri fit-Tabella 2) bi 33 % mill-2017 sal-perjodu ta' investigazzjoni u, konsegwentement, is-sehem mis-suq tagħhom żdied b'33 %, jiġifieri minn [12%-14%] għal [16%-18%]. Dan kien għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, matul l-istess perjodu (kif muri fit-Tabella 5), il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 11 % u s-sehem mis-suq tagħha fis-suq tal-Unjoni naqas bi 12 %. B'mod partikolari, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn [56%-58%] fl-2017 għal [49%-51%] fil-PI.

(261) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping naqsu b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat (kif muri fit-Tabella 3). B'mod parallel, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqsu bi 15 % matul l-istess perjodu. L-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel, dejjem aktar preżenti fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, saru bi prezzijiet li b'mod kontinwu kienu aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni.

([15]) Għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni trattat l-identità tal-membri tal-Koalizzjoni H b'mod kunfidenzjali. Il-Kummissjoni rċeviet evidenza li d-divulgazzjoni tal-identitajiet tagħhom ikollha konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq il-membri tal-Koalizzjoni H minħabba t-theddida ta' ritaljazzjoni kummerċjali.

(262) Il-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ikkawżat ukoll tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet kif muri mill-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet bl-istess rata bħall-kostijiet. Fil-fatt, kif muri fit-Tabella 7, matul il-perjodu kkunsidrat, il-kostijiet tal-produzzjoni żdiedu b'5 % filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 15 %. Matul il-perjodu kkunsidrat, dik l-inabbiltà li jiżdiedu l-prezzijiet wasslet biex il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni taqa' b'mod sinifikanti minn [–2 % - –7 %] għal [–15 % - –20 %], u huwa ċar li dan mhuwiex livell sostenibbli.

(263) B'mod parallel, l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea żdiedu b'mod sinifikanti fil-volum bi 33 % u s-sehem mis-suq tagħhom żdied b'33 %, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12 %. Fil-fatt, għalkemm il-konsum tas-suq tal-Unjoni baqa' stabbli bejn l-2017 u l-PI, l-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel komplew jiksbu sehem akbar mis-suq mill-industrija tal-Unjoni. Fl-istess perjodu, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel naqsu b'10 % (Tabella 3), filwaqt li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni naqsu aktar, bi 15 %, iżda għall-kuntrarju tal-kost tal-produzzjoni, li żdied b'5 %. Għaldaqstant, sal-2018, l-industrija tal-Unjoni diġà kienet qed iġġarrab dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(264) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Dan id-dannu kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

(265) Wara d-Divulgazzjoni Finali, LG Chem argumentat li l-allegazzjonijiet ta' pressjoni fuq il-prezzijiet mhumiex sostnuti mill-fatti, peress li rapporti tal-istampa speċjalizzati reċenti jiddikjaraw li mill-inqas żewġ produtturi tal-Unjoni implimentaw żidiet qawwija fil-prezzijiet għall-SAP.

(266) Dawn ir-rapporti jirreferu għal perjodu wara l-perjodu kkunsidrat u għalhekk ma kkontribwewx għall-analiżi ta' dan il-perjodu. Barra minn hekk, tali żidiet fil-prezzijiet jistgħu jkunu marbuta ma' diversi fatturi fuq terminu qasir, inklużi nuqqasijiet fil-provvista kkawżati min-nuqqas internazzjonali ta' kontejners, kif enfasizzat mill-Koalizzjoni H. Il-Kummissjoni għalhekk ma qisitx li dan seta' jbiddel is-sejbiet tagħha fir-rigward tad-dannu li nstab matul il-perjodu ta' investigazzjoni u ċaħdet din l-affermazzjoni.

(267) LG Chem sostniet ukoll li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu bdew jonqsu bejn l-2019 u l-PI, filwaqt li l-importazzjonijiet Koreani żdiedu biss mill-2017 sal-2019, perjodu li fih l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbet l-ebda dannu mil-lat tal-volum. Matul il-PI sar deprezzament fil-bejgħ u fl-ishma mis-suq, meta l-industrija tal-Unjoni ddeċidiet li tiffoka dejjem aktar fuq is-swieq tal-esportazzjoni, u meta l-importazzjonijiet Ġappuniżi żdiedu.

(268) F'din id-dikjarazzjoni LG Chem tħallat żewġ pretensjonijiet magħmula separatament ukoll. Il-Kummissjoni tindirizza d-dikjarazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ddeċidiet li tiffoka fuq is-swieq tal-esportazzjoni fit-taqsima 5.2.4 u d-dikjarazzjoni li ż-żieda fl-importazzjoni Ġappuniża fil-PI setgħet ikkontribwiet għad-dannu fit-taqsima 5.2.3 LG Chem sostniet ukoll li ma hemm l-ebda rabta bejn l-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet Koreani u l-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, peress li l-industrija tal-Unjoni tilfet il-biċċa l-kbira tal-ishma mis-suq fl-2020, is-sena li fiha l-importazzjonijiet mill-Korea kienu wkoll qed jitilfu s-sehem mis-suq.

(269) Dan l-argument huwa marbut mill-qrib mal-argument ta' LG Chem li l-importazzjonijiet Ġappuniżi u mhux l-importazzjonijiet Koreani kienu responsabbli għat-telf tal-ishma tas-suq fl-2020 u ġie diskuss u miċħud fil-premessi (299) sa (306).

(270) LG Chem sostniet ukoll li l-importazzjonijiet mill-Korea qatt ma kellhom impatt fuq l-investimenti, kif muri mill-iżviluppi kontinwi ta' prodotti ġodda mill-produtturi tal-Unjoni.

(271) Filwaqt li l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-fatt żdiedu mill-2017 sal-2019, dawn naqsu drastikament fil-PI, minħabba l-pressjoni tal-ipprezzar ikkawżata mill-importazzjonijiet Koreani. LG Chem ma inkludietx il-PI fl-analiżi tagħha ta' żvilupp kontinwu ta' prodotti ġodda. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet din il-pretensjoni.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

(272) Fil-kummenti tagħha dwar il-bidu, LG Chem talbet lill-Kummissjoni tanalizza jekk it-tnaqqis fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kienx ikkawżat minn importazzjonijiet mill-Ġappun, l-allokazzjoni globali ta' kuntratti spec-in kif ukoll iż-żieda fil-kapaċità tal-investimenti. LG Chem irreferiet għall-ilment, fejn l-ilmentaturi ddikjaraw li l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni segwa xejra varjabbli simili għal dik tal-konsum sal-2019 u li s-sehem

mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas biss kontra x-xejra tal-konsum tal-Unjoni matul il-PI. LG Chem argumentat li ż-żieda kbira fl-importazzjonijiet mill-Ġappun ikkawżat it-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li ż-żieda żgħira fl-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea kienet ikkawżata minn kuntratti spec-in.

(273) Il-Kummissjoni analizzat jekk dawk il-fatturi kkontribwewx għad-dannu u sa liema punt.

5.2.1. *Żieda fid-domanda ta' prodotti spec-in*

(274) LG Chem argumentat li żieda fid-domanda ta' prodotti spec-in, li ġejjin mill-Korea, ikkawżat iż-żieda fl-esportazzjonijiet mill-Korea.

(275) Il-prodotti spec-in huma manifatturati u mibjugħa fl-Unjoni kemm mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll minn dawk tal-Korea t'Isfel. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma sabitx żieda fid-domanda għal prodotti spec-in. Madankollu, hija sabet bidla fil-forniturifuq bażi globali, fejn maż-żmien aktar ordnijiet għal prodotti spec-in kienu sejrin għand il-produttur Korean.

(276) Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat l-iżvilupp tal-volumi kkuntrattati fornuti mill-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, u minkejja li kien hemm bidliet fil-volumi fost il-forniturital-Unjoni, hija sabet li l-bidliet ġenerali fil-provvista tal-volum matul il-perjodu kkunsidrat ma affettwawx ix-xejra tal-indikaturi tad-dannu, u b'mod aktar partikolari, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat.

(277) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-fattur ma kkontribwiex għad-dannu osservat tal-industrija tal-Unjoni.

(278) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem argumentat li peress li SAP mhuwiex prodott ta' komodità, in-negozjati mhumiex ibbażati fuq il-prezzijiet, iżda fuq il-kwalità. L-utenti jeħtieġu gradi SAP speċifiċi għal applikazzjonijiet speċifiċi. Il-kuntratti huma għalhekk sempliċement konklużi mal-produtturi li jistgħu jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-klijenti.

(279) Il-Kummissjoni nnutat li l-produtturi tal-SAP normalment ikunu kapaċi jipproduċu firxa wiesgħa ta' gradi għal applikazzjonijiet speċifiċi, u li kemm il-produtturi tal-Unjoni kif ukoll dawk Koreani jipproduċu tali prodotti spec-in. Dan huwa rifless ukoll mill-fatt li ħafna utenti, speċjalment utenti kbar, japplikaw strateġija ta' diversi sorsi. Dan juri li regolarment ma jkunx hemm biss produttur SAP wieħed bi grad speċifiku li jissodisfa bl-aħjar mod ir-rekwiżit tal-klijenti, iżda diversi. Loġikament, l-utenti, bħala kumpaniji orjentati lejn il-profitt, f'dan il-każ se jibbilanċjaw il-benefiċċji karatteristiċi ta' ċertu SAP offrut minn diversi fornituri, bl-aktar akkwist kosteffiċjenti. Dan huwa differenti minn sitwazzjoni fejn l-utenti jkunu ristretti milli jagħżlu l-irħas fornitur minħabba kwistjonijiet ta' kwalità jew tekniċi. Il-Kummissjoni għalhekk irrifjutat l-argument li n-negozjati ma jkunux ibbażati fuq il-prezzijiet, iżda biss fuq il-kwalità.

5.2.2. *Formula tal-prezzijiet fil-kuntratti ta' provvista tal-materja prima*

(280) Il-Koalizzjoni tal-utenti argumentat li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu minħabba l-formula tal-prezzijiet adottata fil-kuntratti ta' provvista tagħhom u għaldaqstant l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ma tevitax tnaqqis fil-prezzijiet għall-produtturi tal-Unjoni. Huma ssuġġerew li l-prezzijiet tal-SAPs tal-industrija tal-Unjoni jsegwu mekkaniżmu ta' indiċjar lejn il-prezzijiet tal-materja prima, u għaldaqstant ivarjaw f'konformità mal-fluttwazzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima, irrispettivament mill-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(281) Barra minn hekk, kemm il-Koalizzjoni tal-utenti kif ukoll LG Chem iddikjaraw li l-mekkaniżmu tal-formula tal-prezzijiet adottat fil-kuntratti ta' provvista kien biżżejjed għall-forniturital-SAPs biex jiksbu livelli suffiċjenti ta' profittabbiltà, peress li l-movimenti 'l fuq u 'l isfel fil-kostijiet tal-materja prima kienu riflessi awtomatikament fil-prezz finali tal-prodotti tal-SAPs.

(282) Għaldaqstant, it-telf allegat fil-profittabbiltà deskritt fl-ilment ma setax jiġi kkawżat mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni wara t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel, iżda minflok miż-żieda fil-kostijiet tal-istrutturi tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni.

(283) Il-Kummissjoni analizzat l-effett tal-formula tal-prezzijiet fuq il-profittabbiltà. Huwa standard globali li l-kuntratti ta' bejgħ tal-SAPs jiġu konklużi għal sena jew diversi snin. F'dawk il-kuntratti, il-prezz tal-SAPs għal xahar speċifiku huwa marbut b'mod regolari mal-prezz tal-materja prima ewlenija fil-kwart preċedenti tas-sena. Dak id-dewmien fl-influwenza tal-prezz tal-materja prima jikkawża marġni ta' profitt aktar baxx jew ogħla fix-xahar inkwistjoni. Meta l-prezz tal-materja prima fil-kwart preċedenti tas-sena kien aktar baxx milli dak fix-xahar kurrenti, dan jinfluwenza l-marġni b'mod negattiv. Filwaqt li, maż-żmien, l-effetti ġeneralment pożittivi jistgħu jpattu għall-effetti negattivi, il-Kummissjoni sabet effett negattiv ġenerali għall-PI. Madankollu, dak l-effett kien tant żgħir li seta' jispjega biss parti żgħira ħafna tat-telf imġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-fattur ma setax jikkontribwixxi għad-dannu osservat tal-industrija tal-Unjoni.

(284) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem argumentat li ma kien hemm l-ebda tnaqqis fil-prezzijiet jew soppressjoni. LG Chem sostniet li l-formuli tal-prezzijiet għall-SAP, li jirriflettu l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima, aktar milli l-importazzjonijiet Koreani, kellhom forza ta' spjegazzjoni għat-tendenza 'l isfel fil-prezzijiet u għalhekk kellhom effett depressiv jew soppressiv fuq il-prezzijiet domestiċi. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet iffaċċjata b'elementi oħra għajr l-importazzjonijiet li jistgħu jispjegaw id-depressjoni jew it-trażżin sinifikanti tal-prezzijiet domestiċi. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Koreani u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni segwew l-istess xejriet.

(285) Il-Kummissjoni qieset il-fatt li l-formuli tal-prezzijiet għall-SAP jirriflettu l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima. Dawn il-formuli jiżguraw li l-profitti tal-produtturi SAP f'kuntratti ta' bejgħ eżistenti magħmula għal ċertu perjodu, ma jiġux affettwati miż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Kieku l-formuli tal-prezzijiet kienu l-unika forza spjegattiva għat-tendenza 'l isfel fil-prezzijiet, dan kellu jirriżulta f'marġni ta' profitt aktar stabbli għall-produtturi Ewropej u jikkawża biss effett minuri fuq il-prezz, kif deskritt fil-premessa (283), minħabba li l-prezzijiet huma marbuta mal-prezzijiet tal-materja prima tat-trimestru preċedenti. Madankollu, dawn il-formuli tal-prezzijiet waħedhom ma jistgħux ikunu responsabbli għax-xejriet tal-prezzijiet f'negozjati mill-ġdid jew kuntratti nnegozjati ġodda, meta mqabbla ma' kuntratti eqdem eżistenti.

(286) Għalhekk, il-Kummissjoni analizzat il-varjazzjonijiet fl-ipprezzar li seħħew matul il-perjodu kkunsidrat flimkien max-xejriet tal-prezzijiet marbuta mal-prezzijiet tal-materja prima. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni naqsu aktar mill-prezzijiet tal-materja prima. Huwa dan it-tnaqqis addizzjonali fil-prezzijiet tal-bejgħ li kkawża d-dannu, peress li dan it-tnaqqis addizzjonali ma kienx newtrali għall-profitt. Il-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Koreani u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni segwew xejriet fl-istess direzzjoni, b'rati differenti, ma jikkontradixxix il-fatt li minbarra x-xejra newtrali għall-profitt ikkawżata mill-prezzijiet tal-materja prima, kien hemm xejra sovrastanti. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet l-argument li hija injorat fattur b'forza spjegattiva għat-tnaqqis fil-prezzijiet.

(287) LG Chem argumentat ukoll li t-tnaqqis fil-prezzijiet domestiċi ma jirriżultax minn tnaqqis fl-element fiss fil-kuntratti ta' bejgħ SAP, iżda pjuttost fl-element varjabbli li jirrifletti l-bidliet fil-prezz tal-materja prima C3 u NaOH. LG Chem argumentat li l-maġġoranza tat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2017 u l-2020 kien ikkawżat mill-prezzijiet C3 u NaOH, li naqsu bi 18 % fl-istess perjodu, filwaqt li l-element tal-prezz fiss, skont il-kalkoli ta' LG Chem, naqas biss bi 12 % fl-istess perjodu. LG Chem argumentat ukoll li l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni kienet korrelatata mal-profittabbiltà fis-swieq tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, li tkun indikazzjoni ulterjuri li l-elementi esterni li jaffettwaw is-swieq globali tal-SAP, jiġifieri l-formula tal-prezzijiet SAP u r-restrizzjonijiet tal-kostijiet, kienu responsabbli.

(288) Kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni qieset il-fatt li l-bidliet fil-materja prima jinfluwenzaw il-prezz tal-bejgħ. Madankollu, il-formuli tal-prezz jorbtu l-prezz tal-bejgħ eżattament għall-fini li jinżamm livell ta' profitt stabbli u li l-bidliet fil-materja prima jinżammu newtrali fir-rigward tal-marġni ta' profitt. Għalhekk, il-bidliet fl-ammont fiss tal-formula tal-prezz fir-rigward ta' kuntratti ġodda jew negozjati mill-ġdid huma l-element li jaffettwa l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Kieku kienu jseħħu biss il-bidliet ikkawżati mill-prezzijiet tal-materja prima, il-livell ta' profittabbiltà matul il-perjodu kkunsidrat kien ikun aktar stabbli. Dan juri li l-pressjoni tal-ipprezzar tal-importazzjonijiet Koreani fuq in-negozjati tal-element tal-prezz tal-kuntratt hija l-kawżalità għat-tnaqqis fil-profittabbiltà u mhux il-prezzijiet tal-materja prima li qed jinbidlu. Il-fatt li l-pressjoni tal-ipprezzar isseħħ ukoll b'mod parallel fis-swieq tal-esportazzjoni ma jikkontradixxix l-analiżi mwettqa fir-rigward tas-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

5.2.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(289) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2017	2018	2019	PI
Il-Ġappun	Volum (tunnellati)	[85 000 - 95 000]	[60 000 - 70 000]	[45 000 - 55 000]	[105 000 - 115 000]
	Indiċi	*100*	*72*	*47*	*122*
	Sehem mis-suq	[11 % -15 %]	[8 % -11 %]	[5 % -8 %]	[14 % -18 %]
	Indiċi	*100*	*73*	*54*	*122*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	[1 200 - 1 500]	[1 200 - 1 500]	[1 200 - 1 500]	[1 000 - 1 300]
	Indiċi	*100*	*101*	*105*	*87*
It-Turkija	Volum (tunnellati)	43 571	46 929	52 626	54 537
	Indiċi	*100*	*108*	*121*	*125*
	Sehem mis-suq	[6%-8%]	[6%-8%]	[7%-9%]	[7%-9%]
	Indiċi	*100*	*108*	*121*	*125*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 140	1 155	1 088	981
	Indiċi	*100*	*101*	*96*	*86*
L-Istati Uniti tal-Amerika	Volum (tunnellati)	40 494	34 952	30 911	30 952
	Indiċi	*100*	*87*	*77*	*76*
	Sehem mis-suq	[5%-7%]	[4%-6%]	[4%-6%]	[4%-6%]
	Indiċi	*100*	*88*	*75*	*75*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	3 646	3 936	4 522	4 431
	Indiċi	*100*	*108*	*124*	*122*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	32 587	29 109	29 046	28 594
	Indiċi	*100*	*89*	*89*	*88*
	Sehem mis-suq	[4%-6%]	[3%-5%]	[3%-5%]	[3%-5%]
	Indiċi	*100*	*90*	*89*	*88*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	3 407	3 176	3 070	3 149
	Indiċi	*100*	*93*	*90*	*92*

Sors: Eurostat, ċifri Ġappuniżi aġġustati b'informazzjoni kunfidenzjali tas-suq.

(290) Filwaqt li l-importazzjonijiet mill-Ġappun l-ewwel naqsu bi 28 % bejn l-2017 u l-2018 u b'25 % bejn l-2018 u l-2019, huma żdiedu b'mod sostanzjali b'75 % fil-PI. L-importazzjonijiet mill-Ġappun saru minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, Nippon Shokubai Europe, li minbarra l-produzzjoni tagħha stess, tbigħ mill-ġdid l-SAPs manifatturati mill-kumpanija omm tagħha Nippon Shokubai Japan ("Nippon Shokubai"). Sal-2019, Nippon Shokubai segwiet strateġija ta' tnaqqis tal-importazzjonijiet Ġappuniżi favur il-produzzjoni Ewropea tagħha, li hija riflessa f'volum ta' produzzjoni u investimenti ogħla, li rriżulta f'żieda sinifikanti fil-kapaċità Ewropea fl-2018. Madankollu, maż-żmien, Nippon Shokubai Europe kienet qed tħabbat wiċċha dejjem aktar ma' klijenti li kienu qed jitolbu prezzijiet aktar baxxi minħabba l-pressjoni ta' importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel bi prezzijiet baxxi. Għaldaqstant, mill-PI 'l hawn, Nippon Shokubai adattat l-istrateġija tagħha.

(291) Sabiex tibqa' kompetittiva mal-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel u biex ma titlifx il-volumi tal-bejgħ fl-Ewropa, Nippon Shokubai Europe żiedet il-bejgħ mill-ġdid tagħha tal-SAPs manifatturati fil-Ġappun.

(292) Filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ġappuniżi u tal-Korea t'Isfel ġeneralment segwew xejra simili ħafna (bħal dawk tal-industrija tal-Unjoni), hemm eċċezzjoni waħda notevoli: Il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Korea t'Isfel urew tnaqqis sinifikanti fl-2019, filwaqt li l-prezzijiet Ġappuniżi baqgħu jiżdiedu u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni baqgħu kważi stabbli. Dan ma kienx sostenibbli, u konsegwentement, kemm l-industrija Ġappuniża kif ukoll dik tal-Unjoni kellhom isegwu u jwaqqgħu l-prezzijiet tagħhom b'mod sinifikanti fil-PI.

(293) L-iżvilupp tal-ishma tas-suq huwa sinifikanti wkoll. Ir-Repubblika tal-Korea żiedet is-sehem mis-suq tagħha b'4 punti perċentwali matul il-perjodu kollu kkunsidrat. B'kuntrast ma' dan, l-importazzjonijiet Ġappuniżi l-ewwel naqsu b'mod sinifikanti fis-snin 2018 u 2019 u żdiedu biss fil-PI bħala konsegwenza tal-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel, li minħabba fihom il-produzzjoni Ewropea ma baqgħetx profittabbli. Minħabba f'hekk, il-kwantitajiet importati mill-Ġappun matul il-PI kienu ogħla minn dawk importati fil-bidu tal-perjodu tal-investigazzjoni tad-dannu, u s-sehem mis-suq tal-Ġappun żdied b'20% matul il-perjodu kollu tad-dannu.

(294) Ma hemm l-ebda evidenza fil-fajl li tissuġġerixxi li l-importazzjonijiet Ġappuniżi kienu l-oġġett ta' dumping. B'konsegwenza ta' dan, irrispettivament minn jekk l-importazzjonijiet mill-Ġappun setgħux ikkontribwew għad-dannu ta' produtturi oħra tal-Unjoni jew le, l-effett tal-esportazzjonijiet tal-Korea t'Isfel kien sostanzjalment ogħla matul il-perjodu kkunsidrat minħabba l-prezz aktar baxx u ż-żieda akbar fil-volum matul dak il-perjodu.

(295) Barra minn hekk, Nippon Shokubai Europe ukoll kompliet iġġarrab telf fil-bejgħ tal-prodotti tal-SAPs fl-Ewropa.

(296) L-importazzjonijiet mit-Turkija żdiedu b'25 % matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tagħhom żdied minn [6%-8%] għal [7%-9%] f'dak il-perjodu. Il-prezz medju ta' dawk l-importazzjonijiet segwa l-istess xejra ta' dawk mir-Repubblika tal-Korea, minkejja li ġie stabbilit f'livell aktar baxx mill-2018 sal-PI. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, huma naqqsu l-prezzijiet tal-Korea t'Isfel u tal-industrija tal-Unjoni bi 3 % u b'14 % rispettivament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-importazzjonijiet tat-Turkija jitqiesu bħala fattur li jikkontribwixxu għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(297) Madankollu, peress li l-volum ta' dawn l-importazzjonijiet dejjem kien jirrappreżenta inqas minn nofs dawk mir-Repubblika tal-Korea, huwa ċar li l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea kienu fattur ta' kawżalità iktar importanti.

(298) Il-volum tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq tal-Istati Uniti tal-Amerka t-tnejn naqsu bi 24 % matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod parallel, il-prezz medju tagħhom żdied bi 22 %. Għaldaqstant, l-importazzjonijiet Amerikani ma setgħux ikkontribwew għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul dan il-perjodu.

(299) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem talbet divulgazzjonijiet addizzjonali dwar il-metodoloġija użata biex jiġu ddeterminati l-volumi u l-valuri tal-importazzjonijiet mill-Korea u l-Ġappun. Il-Kummissjoni ċċarat fid-divulgazzjoni addizzjonali tat-8 ta' Frar 2022 li d-*data* tal-importazzjoni tal-Eurostat ibbażata fuq il-kodiċijiet NM ġiet invokata għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Għall-Ġappun, l-informazzjoni tal-Eurostat għall-kodiċi NM

3906 90 90 dwar il-Ġappun ġiet ivverifikata bl-informazzjoni kunfidenzjali fil-fajl tal-każ. Kif spjegat fil-premessa (195) tal-DDĠ, l-importazzjonijiet mill-Ġappun twettqu minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Minħabba l-fatt li ċ-ċifri ġejjin minn produttur wieħed, dawn huma kunfidenzjali. Għall-Korea, il-Kummissjoni pprovdiet ċifri aġġustati kif diskuss fil-premessi (159) sa (163)

(300) Fir-rigward tal-kumment ta' LG Chem li l-firxiet previsti għall-importazzjonijiet Ġappuniżi ma jippermettu l-ebda tqabbil xieraq la mal-importazzjonijiet Koreani u lanqas mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-fatt li d-*data* hija kunfidenzjali u firxiet idjaq ma jiżgurawx il-kunfidenzjalità tad-*data*.

(301) LG Chem sostniet ukoll li d-dannu kien ikkawżat prinċipalment mill-importazzjonijiet Ġappuniżi. B'appoġġ għall-affermazzjoni tagħha, LG Chem iddikjarat li fl-ogħla livell tagħhom fl-2019, l-importazzjonijiet Koreani ma waqqfux lill-industrija tal-Unjoni milli żżid l-element fiss tal-prezz tagħhom. L-element fiss naqas biss fl-2020, meta l-importazzjonijiet Koreani naqsu iżda l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni naqsu aktar biex isegwu t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Ġappun.

(302) L-argument ta' LG Chem jindika biss paragun iżolat tas-snin 2019 u 2020. Dan, madankollu, jinjora l-fatt li l-kuntratti SAP jiġu nnegozjati regolarment għal mill-inqas sena, iżda wkoll bħala kuntratti pluriennali u n-negozjati dwar il-prezzijiet isiru regolarment fis-sena ta' qabel il-bidu tal-kuntratt. Dan ifisser li l-prezzijiet għall-kuntratti li bdew fl-2020 ġew innegozjati fl-2019 u kuntratti pluriennali li bdew fl-2019 kienu diġà nnegozjati fl-2018.

(303) Madankollu, l-importazzjonijiet mill-Ġappun naqsu bi 28 % fl-2018 u fl-2019 saħansitra b'57 % meta mqabbla mal-2017. Barra minn hekk, fl-2019 il-volum importat mill-Ġappun anki fit-tarf ta' fuq tal-medda murija fit-Tabella 11 lanqas biss jikkostitwixxi nofs l-importazzjonijiet mill-Korea fl-istess perjodu. Minn tqabbil tal-importazzjonijiet mill-Ġappun muri fil-premessa (113) tal-ilment għall-perjodu minn Lulju 2019 sa Ġunju 2020, [63 000 – 67 000 tunnellata] mal-importazzjonijiet għas-sena 2020 kollha murija fit-Tabella 11, [105 000 – 115 000 tunnellata], huwa viżibbli wkoll li ż-żieda fl-importazzjonijiet Ġappuniżi seħħet l-aktar mit-tieni nofs tal-2020.

(304) Għalhekk, huwa improbabbli ħafna li ż-żieda fl-importazzjonijiet Ġappuniżi fl-2020 kellha effett fuq in-negozjati tal-prezzijiet għall-bejgħ fl-2020, iżda pjuttost loġika li l-effett addizzjonali tal-importazzjonijiet Ġappuniżi tal-2020, jekk ikun hemm, jimmaterjalizza biss mill-2021 'il quddiem. Għall-kuntrarju ta' dan, kif tammetti LG Chem, l-importazzjonijiet Koreani żdiedu sostanzjalment fl-2018 u b'żieda ta' 38 % laħqu l-quċċata tagħhom fl-2019, is-sentejn li matulhom seħħew il-biċċa l-kbira tan-negozjati dwar il-prezzijiet għall-2020. Il-fatt li l-importazzjonijiet Ġappuniżi żdiedu b'mod sostanzjali biss fit-tieni nofs tal-2020 juri li dawn l-importazzjonijiet huma reazzjoni għall-pressjoni tal-ipprezzar eżerċitata mill-importazzjonijiet Koreani kif enfasizzat fil-premessa (291) hawn fuq. Il-Kummissjoni għalhekk irrifjutat l-argument li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Ġappun li seħħet fl-2020 hija fattur kawżali tat-tnaqqis fil-prezzijiet fl-2020 fis-suq tal-Unjoni.

(305) LG Chem argumentat ukoll li l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun segwew il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Ġappun u mhux mill-Korea.

(306) LG Chem ma wrietx korrelazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni mal-prezzijiet tal-importazzjoni Ġappuniżi. Bejn l-2017 u l-2018, il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Korea żdiedu b'perċentwal simili, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni Ġappuniżi żdiedu biss marġinalment. Bejn l-2018 u l-2019, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Ġappun żdiedu b'4 punti perċentwali, filwaqt li l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni naqsu, kif ukoll il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Koreani. Huwa biss mill-2019 sal-PI li hemm korrelazzjoni ċara, li tindika li kemm il-produtturi tal-Unjoni kif ukoll l-importazzjonijiet Ġappuniżi kienu taħt il-pressjoni tal-ipprezzar tal-importazzjonijiet Koreani rekord fl-2019.

(307) LG Chem argumentat ukoll li NSE ma adattatx l-istrateġija tagħha peress li żammet il-bejgħ stabbli tal-Unjoni fil-PI, minbarra l-importazzjonijiet sinifikanti mill-Ġappun. Barra minn hekk, skont LG Chem, il-fornituri ma jistgħux jinbidlu mil-lum għal għada minħabba proċess twil ta' on-boarding tal-utenti. NSE implimentat strateġija predatorja fit-tul biex tforni s-suq tal-Unjoni kemm mill-fabbriki Ġappuniżi kif ukoll tal-Unjoni, billi żiedet il-kapaċitajiet fl-Unjoni u l-bejgħ għad-detriment ta' produtturi oħra tal-Unjoni.

(308) Il-Kummissjoni nnutat li l-importazzjonijiet mill-Ġappun, inklużi l-importazzjonijiet tal-NSE, naqsu b'mod sostanzjali mill-2017 sal-2019 u żdiedu biss fil-PI. Dan juri li sar adattament tal-istrateġija, bil-għan li jissostitwixxi l-bejgħ mill-ġdid tal-importazzjonijiet Ġappuniżi bi produzzjoni lokali fl-UE. Huwa biss b'reazzjoni għall-kompetizzjoni minn importazzjonijiet Koreani bi prezz baxx li l-importazzjonijiet Ġappuniżi żdiedu fi tmiem l-2020. Tali adattamenti jistgħu jsiru aktar malajr bejn is-sussidjarji ta' grupp multinazzjonali, b'ħin ta' adattament iqsar meħtieġ min-naħa tal-utent. Dan jallinja wkoll mal-fatt li l-importazzjonijiet mill-Ġappun naqsu filwaqt li żdiedu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(309) LG Chem sostniet ukoll li l-Kummissjoni x'aktarx issottovalutat is-sehem mis-suq tal-Ġappun billi naqset milli tikkunsidra fornituri Ġappuniżi oħra, bħal Sumitomo Seika.

(310) Il-Kummissjoni għamlet kontroverifika tad-*data* tal-Eurostat mad-*data* disponibbli fil-fajl, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-utenti. Il-fajl ma ta l-ebda indikazzjoni li l-importazzjonijiet minn fornituri Ġappuniżi oħra kienu sottovalutati. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(311) Fl-aħħar nett, LG Chem sostniet li sa fejn l-importazzjonijiet Torok ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kellha tiżgura li l-effetti dannużi tal-importazzjonijiet Torok jiġu separati u ma jiġux attribwiti għall-importazzjonijiet Koreani.

(312) Il-Kummissjoni nnotat fil-premessi (296) u (297) li l-importazzjonijiet Torok la żdiedu b'mod sostanzjali matul il-perjodu kkunsidrat, u lanqas ma jistgħu jqabblu f'ċifri assoluti mal-importazzjonijiet Koreani. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet dawk l-argumenti li hija attribwiet l-effetti tal-importazzjonijiet Torok lill-importazzjonijiet Koreani.

5.2.4. *Prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni*

(313) Fil-kummenti tagħha dwar il-bidu, LG Chem talbet lill-Kummissjoni tanalizza jekk l-enfasi intenzjonali tal-industrija tal-Unjoni fuq l-esportazzjonijiet kinitx ikkontribwiet għad-dannu.

(314) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu kkunsidrat żviluppa kif ġej:

Tabella 12

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2017	2018	2019	PI
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	[90 000 - 105 000]	[95 000 - 110 000]	[115 000 - 130 000]	[135 000 - 150 000]
Indiċi	*100*	*102*	*124*	*145*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	[1 000 - 1 300]	[1 200 - 1 500]	[1 200 - 1 500]	[1 000 - 1 300]
Indiċi	*100*	*123*	*118*	*98*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(315) Il-prezz medju ta' dawk l-esportazzjonijiet l-ewwel żdied bi 23 % fl-2018. Dak il-livell imbagħad naqas fl-2019, filwaqt li baqa' 18 % ogħla mil-livell tal-2017, u aktar 'il quddiem fil-perjodu ta' investigazzjoni għal livell li kien taħt il-livell tal-2017 (–2 %). Il-prezz medju ta' dawk l-esportazzjonijiet kien aktar baxx minn dak tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, u baqa' stabbli. Il-volumi tal-esportazzjonijiet b'mod konsistenti baqgħu taħt il-livelli tal-volumi li l-industrija tal-Unjoni kisbet fis-suq tal-Unjoni, minkejja li b'mod ġenerali żdiedu b'45 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(316) Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-esportazzjoni evolvew b'mod aktar konformi mal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima matul il-perjodu kkunsidrat, u għaldaqstant il-prezzijiet ma naqsux daqs il-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (kif muri fit-Tabella 5). Barra minn hekk, minħabba li żdied il-bejgħ tal-esportazzjoni, dan ma kellux effetti negattivi addizzjonali fuq il-kostijiet fissi għal kull unità manifatturata. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni ma kkontribwietx b'mod sinifikanti għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(317) Minħabba l-kapaċità ta' produzzjoni żejda tal-produtturi tal-Unjoni mill-2018 'l hawn, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-produtturi tal-Unjoni kellhom strateġija deliberata biex jirrinunzjaw l-ishma mis-suq fl-UE favur il-bejgħ barra mill-UE. Il-kapaċità żejda kienet tippermetti lill-produtturi tal-Unjoni jżidu l-bejgħ barra mill-UE mingħajr ma jitilfu l-ishma mis-suq fl-UE.

(318) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat l-argument li enfasi deliberata tal-industrija tal-Unjoni fuq l-esportazzjonijiet ikkontribwiet għad-dannu.

(319) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem argumentat li l-bejgħ fis-suq tal-Unjoni ma ntilifx għall-industrija tal-Unjoni, iżda minflok ġie ridirezzjonat mis-suq tal-Unjoni lejn is-swieq tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, LG Chem argumentat li f'investigazzjoni tal-2007 dwar il-pentaerythritol, il-Kummissjoni sostniet li żieda żgħira fil-volumi tal-esportazzjoni bi prezzijiet tal-bejgħ aktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni kellha effett negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(320) Il-Kummissjoni osservat li l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI kien biss [78 % -80 %]. Dan jikkonferma li l-industrija tal-Unjoni setgħet żiedet il-bejgħ tal-esportazzjonijiet anki mingħajr ma tbigħ inqas fis-suq tal-Unjoni. Kuntrarju għall-investigazzjoni tal-pentaerythritol kif deskritta fil-premessa (316), iż-żieda fil-bejgħ tal-esportazzjoni għalhekk ma kkontribwietx b'mod sinifikanti għad-dannu materjali.

(321) Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

5.2.5. *Il-pandemija tal-COVID-19*

(322) LG Chem argumentat ukoll li jenħtieġ li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku matul il-pandemija tal-COVID-19 jitqies bħala fattur li potenzjalment seta' kkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu bejn nofs l-2019 u l-2020. Hija talbet lill-Kummissjoni tinvestiga sa liema punt dak il-fattur ikkontribwixxa għas-sitwazzjoni tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni.

(323) L-SAPs jintużaw prinċipalment għal ħtiġijiet iġjeniċi bażiċi, u għaldaqstant ma kinux affettwati b'mod negattiv mill-pandemija tal-COVID-19. Fil-bidu tal-2020, filwaqt li l-biża' fis-suq wasslet għal żieda fid-domanda għal prodotti iġjeniċi u b'hekk għall-SAPs, hija reġgħet ibbilanċjat ruħha matul is-sena. Lanqas ma kien hemm waqfiet kbar fil-produzzjoni kkawżati mill-pandemija. Ma ġie osservat l-ebda effett negattiv ieħor tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-manifatturi tal-SAPs. Għaldaqstant, il-Kummissjoni irrifjutat l-argument li l-pandemija tal-COVID-19 ikkontribwiet għad-dannu.

5.2.6. *Dannu kkawżat mill-kostijiet taż-żidiet fil-kapaċità*

(324) Il-Koalizzjoni tal-utenti u LG Chem argumentaw ukoll li t-telf fil-profittabbiltà ddikjarat fl-ilment mill-industrija tal-Unjoni jista' jkun ir-riżultat ta' spejjeż straordinarji, aktar milli kunsiderazzjonijiet kummerċjali normali. Huma ssuġġerew li l-investimenti f'kapaċitajiet ġodda mill-industrija tal-Unjoni — diġà deskritti fil-premessa (205) — seta' kellhom rwol f'dak ir-rigward billi naqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni.

(325) LG Chem żiedet li dawn l-ispejjeż straordinarji setgħu jkunu relatati wkoll ma' investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda mill-industrija tal-Unjoni, li — b'mod simili għall-investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni — ikkontribwew għaż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni.

(326) Il-Kummissjoni nnutat li hija parti mill-kors normali tan-negozju li l-manifatturi tal-SAPs jinvestu f'faċilitajiet tal-produzzjoni ġodda, speċjalment f'sitwazzjoni ta' utilizzazzjoni qrib il-kapaċità sħiħa tagħhom, li kienet fatt stabbilit fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, iż-żidiet fil-kapaċità ma kinux ta' dimensjoni mhux raġonevoli,

speċjalment meta jitqiesu l-effiċjenzi fil-produzzjoni konnessi ma' kapaċità ogħla. Minbarra dan, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun biex jeskludu kwalunkwe effett straordinarju minn indebolimenti jew tħassir straordinarju mill-indikaturi tad-dannu.

(327) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat l-argument li l-kost taż-żidiet tal-kapaċità ikkontribwiet għad-dannu.

5.2.7. *Kostijiet sinifikanti fir-R&Ż*

(328) LG Chem iddikjarat li l-produtturi tal-Unjoni ffukaw fuq l-iżviluppi ta' materjali ġodda, u dan kien jimplika kostijiet sinifikanti fir-R&Ż li inevitabbilment żiedu l-kostijiet b'mod materjali wkoll.

(329) Hija parti mill-kors normali tan-negozju li l-manifatturi tal-SAPs jinvestu fl-iżvilupp ta' tipi ta' SAPs ġodda. Barra minn hekk, LG Chem tinvesti regolarment fl-iżvilupp ta' tipi ta' SAPs ġodda u enfasizzat b'mod espliċitu l-importanza ta' dan l-investiment fil-kuntest ta' SAPs spec-in. Għaldaqstant, il-fatt li l-proċess tar-R&Ż jiġġenera kostijiet huwa parti normali tan-negozju. Matul il-verifika tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun instab li l-ebda kost tar-R&Ż ma kien għoli b'mod mhux raġonevoli.

(330) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat l-argument li l-kostijiet tar-R&Ż ikkontribwew għad-dannu tal-Industrija tal-Unjoni.

5.2.8. *Negozjati dwar il-prezzijiet globali*

(331) Wara d-Divulgazzjoni Finali, LG Chem argumentat li b'għadd żgħir ta' xerrejja globali, il-prezzijiet huma ddeterminati fil-livell globali, aktar milli abbażi ta' xejriet individwali fis-suq tal-Unjoni.

(332) L-ewwel nett, mhux l-utenti kollha tal-SAP joperaw fuq livell globali kif muri minn diversi utenti, li ppreżentaw ruħhom fil-proċedura u li għandhom il-produzzjoni sħiħa tagħhom fl-Unjoni. LG Chem la ddeskriviet fid-dettall u lanqas ma ssostanzjat l-argument tagħha dwar liema sehem tal-bejgħ fl-Unjoni japplika l-prinċipju tan-negozjati dwar il-prezzijiet globali. It-tieni nett, anki f'każijiet fejn il-prezzijiet jiġu nnegozjati fuq livell globali, dawn in-negozjati dwar il-prezzijiet neċessarjament iqisu l-livell tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. L-ebda attur globali ma jħallas prezz globali ogħla, jekk tkun possibbli provvista orħos fis-suq tal-Unjoni. Fl-istess ħin, jekk fornitur f'kuntratt globali jaqbel li jforni lill-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping u dannuży, allura l-kuntratt globali ma jkunx ġustifikazzjoni għal tali dumping. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet din il-pretensjoni.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(333) Tqabbil tas-sitwazzjoni tal-importazzjonijiet ma' dik tal-industrija tal-Unjoni fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu kkunsidrat juri biċ-ċar żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u d-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. B'mod aktar speċifiku, is-sitwazzjoni ddeterjorat b'mod sinifikanti fl-2019 u l-2020. Il-prezzijiet tal-Korea t'Isfel naqsu b'mod sinifikanti fl-2019 filwaqt li l-livelli tal-prezzijiet fl-industrija tal-Unjoni (u fil-Ġappun) baqgħu l-istess. Madankollu, dan kien għad-detriment tal-volum tal-bejgħ tagħhom peress li r-Repubblika tal-Korea espandiet il-bejgħ tagħha b'mod konsiderevoli. B'reazzjoni għal dan, l-industrija tal-Unjoni segwiet ix-xejra tal-prezzijiet stabbilita mir-Repubblika tal-Korea u naqqset il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-2020, iżda kompliet titlef kwantitajiet importanti ta' bejgħ fis-suq. L-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea ilhom jikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni mill-2017 minħabba l-penetrazzjoni enormi fis-suq miksuba għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. F'termini ta' prezzijiet, iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kontinwament waqqgħet dawk tal-industrija tal-Unjoni u ħolqot pressjoni sostanzjali fuq il-prezzijiet u evitat iż-żidiet fil-prezzijiet tas-suq f'konformità maż-żidiet fil-kost tal-materja prima, li kienu meħtieġa għall-industrija tal-Unjoni biex tikseb livelli ta' profitt raġonevoli.

(334) Fatturi oħra, bħat-telf fil-volumi tal-bejgħ u bidliet għal SAPs spec-in jew fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima, ma kkontribwewx għad-dannu osservat tal-industrija tal-Unjoni.

(335) Fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Ġappun u mit-Turkija, dawn kellhom impatt limitat fuq l-industrija. L-importazzjonijiet mit-Turkija kellhom prezzijiet simili tal-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel iżda b'volumi ferm aktar baxxi, u għaldaqstant, dawn l-importazzjonijiet ma dgħajfux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu tal-industrija tal-Unjoni. B'mod simili, l-importazzjonijiet mill-Ġappun ma dgħajfux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu tal-Unjoni. Dawn

l-importazzjonijiet naqsu matul il-perjodu kkunsidrat u żdiedu b'mod sostanzjali biss fil-PI. Madankollu, l-importazzjonijiet mill-Ġappun żammew livell ta' prezz ogħla mill-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel. L-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel, bi prezzijiet ħafna aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, huma r-raġuni ewlenija għaliex l-industrija tal-Unjoni tilfet il-bejgħ u ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità mal-kost tal-produzzjoni tagħha, li wassal għal telf qawwi fil-profittabbiltà.

(336) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat filwaqt li fatturi oħra, meqjusin individwalment jew kollettivament, ma dgħajfux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

(337) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Id-dannu huwa ċar fl-evoluzzjoni tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-prezz medju tal-bejgħ unitarju fis-suq tal-Unjoni, il-kost tal-produzzjoni, l-istokks tal-għeluq, il-profittabbiltà u r-redditu fuq l-investimenti, meta jitqies fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel (kemm assoluti kif ukoll meta mqabbla ma' atturi oħra tas-suq).

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

(338) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament ta' kull wieħed mid-diversi interessi involuti, inkluż dawk tal-industrija tal-Unjoni u tal-utenti. Peress li l-prodott jinbiegħ l-aktar lill-klijent b'mod dirett, l-ebda importatur mhux relatat ma pparteċipa fil-proċedura.

6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(339) L-impożizzjoni ta' miżuri se ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-suq għall-produtturi tal-Unjoni li se jkunu jistgħu jtejbu l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq u jirkupraw il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq mitlufa. Peress li se titneħħa l-pressjoni fuq il-prezzijiet minn importazzjonijiet inġusti, l-industrija tal-Unjoni se tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u tilħaq profittabbiltà sostenibbli.

(340) In-nuqqas ta' miżuri jkollu effetti negattivi sinifikanti għall-industrija tal-Unjoni, minħabba li l-importazzjonijiet ikomplu jiżdiedu u jwasslu għal aktar tnaqqis fil-prezzijiet fl-Unjoni. Dan ikollu impatt negattiv fuq il-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, kif ukoll fuq is-sehem mis-suq. Dan, imbagħad, jaffettwa b'mod negattiv lill-indikaturi finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni, u b'mod partikolari, is-sitwazzjoni li diġà qed tagħmel telf tkompli taggrava b'konsegwenzi negattivi għall-investimenti u l-impjiegi fl-Unjoni.

(341) Għaldaqstant, jidher biċ-ċar li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.2. **Interess tal-utenti**

(342) Diversi utenti ppreżentaw ruħhom fl-investigazzjoni, iżda tnejn minnhom biss ipprovdew tweġiba għall-kwestjonarju. It-tnejn li huma l-aktar ipproduċew prodotti tal-kura tas-saħħa għall-adulti. It-tweġiba taż-żewġ utenti kellha nuqqasijiet sinifikanti, u waħda biss mill-kumpaniji wieġbet it-talba tal-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali sal-iskadenza mogħtija, u t-tweġiba kienet għad kellha n-nuqqasijiet. Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta l-impatt tad-dazji anti-dumping għal wieħed mill-utenti. Għat-tieni utent, minkejja r-rispons inkomplet għall-kwestjonarju, il-Kummissjoni setgħet tistma l-impatt tal-miżuri. Għal dik il-kumpanija, l-SAPs irrappreżentaw [5 % - 15 %] tal-kost tal-produzzjoni tagħha, iżda madwar terz biss ta' dawn l-SAPs oriġina mill-provvisti tal-Korea t'Isfel. Il-kumpanija wriet ukoll li għal swieq ewlenin importanti, kuntratti pluriennali mas-settur tas-saħħa pubblika u ma' kumpaniji ta' assigurazzjoni jipprevjenu t-trasferiment ta' kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-kumpanija pprovdiet evidenza għal diversi pajjiżi li naqqsu l-kostijiet fis-settur tas-saħħa, u b'hekk tefgħu pressjoni fuq il-kumpanija biex tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha. Minkejja dawk l-isfidi, u b'mod partikolari t-tnaqqis fil-kostijiet fis-settur tas-saħħa pubblika li ħalla impatt fuq il-bejgħ tal-utenti, il-kumpanija għamlet profitt tajjeb ta' [10 % - 20 %]. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li miżuri ta' 14.7 % fuq [5 % - 15 %] tal-kost tal-produzzjoni tagħha jistgħu jiġu assorbiti jew mill-inqas mgħoddija lill-konsumaturi.

(343) Erba' utenti oħra, inkluż Procter & Gamble, FATER u Essity, kif ukoll Koalizzjoni ta' utenti, li tikkonsisti minn erba' utenti, ressqu l-argumenti tagħhom waqt is-seduti u s-sottomissjonijiet. L-utenti kollha opponew il-miżuri bil-qawwa.

(344) Procter & Gamble argumentat li l-aċċess għall-forniturі tal-SAPs kollha, inkluż il-forniturі tal-Korea t'Isfel, kien vitali biex tinżamm strateġija ta' provvista multipla, biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-provvista speċjalment għal SAPs spec-in, li ma jistax jistgħux jiġu manifatturati mill-produtturi tal-SAPs kollha. Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jipproduċu l-SAPs speċifiċi tal-Ġenerazzjoni 8, li teħtieġ Procter & Gamble, mhijiex biżżejjed biex tipprovdi l-volum meħtieġ. Jekk Procter & Gamble tiġi sfurzata tuża SAPs oħra li ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 8, hija tista' tiskatta kostijiet importanti għall-aġġustament tal-imballaġġ, għat-trasport u jkollha impatt negattiv fuq l-ambjent billi żżid l-ammont ta' skart. Barra minn hekk, bidla fl-SAPs se tkun teħtieġ proċess ta' adattament ta' mill-inqas sitt xhur.

(345) FATER ressqet argumenti simili rigward l-istabbiltà tal-provvista u l-kapaċità insuffiċjenti tal-produzzjoni għall-SAPs tal-Ġenerazzjonijiet 8 u 9, u perjodu ta' adattament meħtieġ ta' bejn sitt xhur u disa' xhur. FATER qieset li l-impatt negattiv tal-kumpanija, fil-każ li kienet meħtieġa tuża tipi ta' SAPs oħra, iwassal għad-destandardizzazzjoni u jiskatta kostijiet addizzjonali ta' ammont ta' EUR b'seba' ċifri.

(346) It-tielet utent ressaq argumenti simili rigward l-istabbiltà tal-provvista, il-kostijiet ta' adattament għall-bidla tal-SAPs u l-impatt ambjentali.

(347) Il-Koalizzjoni tal-utenti kif ukoll utent ieħor issuġġerew li, fid-dawl tar-riskju li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni jikkunsidra li jbigħ in-negozju tal-SAPs tiegħu, l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping issaħħaħ duwopolju u tipperikola l-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni.

(348) Il-produttur esportatur li kkoopera kkummenta wkoll dwar ir-riskju li l-miżuri anti-dumping jistgħu jimminaw il-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.

(349) Utent ieħor tal-SAPs, Essity, ressaq pretensjonijiet simili. Essity ddikjarat li mingħajr it-theddida tal-kompetizzjoni, l-industrija tal-Unjoni ftit li xejn ikollha inċentiv biex tiddiversifika l-produzzjoni tagħha u tiżviluppa soluzzjonijiet ġodda biex tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-klijenti; b'hekk, Essity ma jkollhiex daqstant motivazzjoni li tiddiversifika din il-produzzjoni, u tkun imġiegħla tiddependi biss fuq ftit produtturi tal-Unjoni.

(350) Il-Kummissjoni tqis li l-Koalizzjoni tal-utenti ma pprovdietx biżżejjed evidenza biex tappoġġja l-pretensjonijiet tagħha dwar il-possibbiltà li s-suq tal-Unjoni jsir duwopolju jekk jiġu imposti d-dazji anti-dumping. B'mod partikolari, il-koalizzjoni ma qisitx li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u t-tnaqqis ikkawżat fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni jistgħu ma jżidux ir-riskju ta' ħruġ mis-suq ta' produttur wieħed tal-Unjoni.

(351) Barra minn hekk, l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni ma wriet l-ebda evidenza ta' xi prattiki antikompetittivi mwettqa mill-industrija tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, inġabret evidenza speċifika li l-industrija kienet kapaċi u lesta li tipprovdi lil kwalunkwe utent bil-prodott ikkonċernat.

(352) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri se jżidu l-kostijiet tal-produzzjoni tal-utenti u mhumiex fl-interess tal-utenti. Filwaqt li jitqies li l-ammont maħsub ta' dazji mhux se jkollu effett projbittiv peress li l-SAPs jirrappreżentaw biss [5 % - 15 %] tal-kostijiet ta' produzzjoni tal-ħrieqi għall-adulti jew għat-trabi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-interess tal-utenti li jkollhom aċċess għall-forniturі kollha tal-SAPs fid-dinja kollha mingħajr dazji mhuwiex superjuri għall-interess tal-industrija tal-Unjoni li tiġi protetta kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(353) Fil-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni finali, P&G u Fater ma qablux mad-dikjarazzjoni fil-premessa (351) fir-rigward tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tforni lil kwalunkwe utent tal-prodott ikkonċernat. Huma sostnew li l-Industrija tal-Unjoni ma tistax tipprovdi l-ammonti mitluba ta' SAP Ġenerazzjoni 8 u 9, peress li hija nieqsa mill-kapaċità ta' produzzjoni għal dan il-prodott SAP speċifiku.

(354) Pretensjonijiet simili tressqu mill-Koalizzjoni H fis-sottomissjoni tagħhom wara d-divulgazzjoni. Huwa ma qabilx ukoll mal-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tforni lil kwalunkwe utent tal-prodott ikkonċernat. Hija argumentat, u pprovdiet evidenza, li l-utenti tal-SAP sistematikament esperjenzaw

interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista fis-suq tal-Unjoni u ma kinux kapaċi jiżguraw il-kwalità u l-kwantità ta' SAP meħtieġa għall-produzzjoni tagħhom. Il-Koalizzjoni kkonkludiet li, minħabba l-interruzzjonijiet eżistenti fil-katina tal-provvista, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tikkumpensa għat-telf tal-importazzjonijiet SAP kompetittivi minn barra l-UE.

(355) L-evidenza mressqa minn P&G, Fater u l-Koalizzjoni H biex tissostanzja nuqqas ta' provvista tikkonċerna l-aktar il-perjodu ta' wara l-PI, iżda wkoll it-tieni u t-tielet kwart tal-PI. L-evidenza pprovduta fil-PI turi li kien hemm impatt temporanju tal-lockdown tal-COVID fil-perjodu minn Marzu sa Ġunju 2020 fuq wieħed mill-forniturі Ewropej. Madankollu, id-*data* wriet ukoll li din kienet sitwazzjoni temporanja u eċċezzjonali, peress li l-provvisti reġgħu bdew malajr wara l-lockdown. Barra minn hekk, id-*data* ma wrietx l-istess diffikultajiet għall-industrija kollha tal-UE. Għall-kuntrarju, id-*data* tidher li tindika li n-nuqqas ta' provvista minn produttur wieħed tal-Unjoni ttaffa parzjalment minn żieda fil-provvista minn produtturi oħra tal-Unjoni (flimkien mal-importazzjonijiet minn barra l-UE). Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li ma kienx hemm biżżejjed evidenza matul il-PI biex tikkonkludi li l-industrija tal-UE ma tkunx tista' tforni lill-utenti kkonċernati f'ċirkostanzi kummerċjali normali.

(356) L-evidenza kollha li fadal kienet tikkonċerna Il-perjodu ta' wara l-PI, li kien affettwat minn interruzzjonijiet fil-provvista minn barra l-pajjiż u n-nuqqas globali tat-trasport ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk wassal għal żieda fid-domanda għall-SAP Ewropew. Madankollu, dawn kienu fenomeni temporanji u mhux strutturali li kienu mistennija li jisparixxu hekk kif il-ktajjen tal-provvista kienu qed jaġġustaw għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Tabilħaqq, kif argumentaw diversi utenti, l-adattament għal fornitur ġdid ħafna drabi ma jkunx jista' jseħħ immedjatament u l-kuntratti ta' provvista jiġu konklużi regolarment għal perjodu ta' mill-inqas sena. Din l-istruttura ta' kuntratti fit-tul tagħti lill-industrija tal-Unjoni xi żmien biex taġġusta, speċjalment meta titqies il-kapaċità ppruvata tagħha li tagħmel investimenti sostanzjali. Barra minn hekk, l-evidenza ta' sostenn ipprovduta mill-Koalizzjoni H ma indikat l-ebda kwistjoni strutturali ewlenija li taffettwa l-kapaċità jew ir-rieda tal-produtturi Ewropej li jfornu f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Pereżempju, il-posta elettronika relatata ma' Nippon Shokubai enfasizzat biss kwistjonijiet dwar il-provvista mill-impjant Ġappuniż tagħha, mhux mill-impjant Ewropew. L-evidenza kollha ppreżentata fir-rigward ta' BASF kienet tikkonċerna biss kwistjoni mhux mistennija u temporanja li taffettwa grad SAP wieħed. Bl-istess mod, l-evidenza li tikkonċerna ż-żewġ produtturi Ewropej l-oħra ma kixfet l-ebda problema strutturali fil-provvista.

(357) Fir-rigward ta' P&G, hija ma sostnietx li l-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux jipproduċu l-Generation 8 &9 SAP, iżda biss li l-kapaċitajiet ta' produzzjoni attwalment adattati u ddedikati għal dan is-SAP mhumiex biżżejjed għad-domanda ta' P&G. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni wriet ir-rieda tagħha li tinvesti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jindika li l-kapaċità żejda eżistenti tista' tiġi adattata jew estiża jekk ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet l-affermazzjoni li, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-evidenza pprovduta minn P&G, Fater u Coalition H.

(358) P&G u Fater sostnew ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tissostanzja liema "evidenza speċifika" nġabret biex tikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi u lesta li tforni lil kwalunkwe utent tal-prodott ikkonċernat, kif iddikjarat fil-premessa (351). Pretensjonijiet simili tressqu mill-Koalizzjoni H fis-sottomissjoni tagħhom wara d-divulgazzjoni.

(359) Il-Kummissjoni tiċċara li l-evidenza speċifika miġbura hija relatata ma' kapaċitajiet żejda, investimenti għall-adattament għall-ħtiġijiet ta' klijenti ġodda u l-aċċettazzjoni ta' klijenti ġodda.

(360) Wara d-divulgazzjoni finali, LG Chem argumentat li s-sitwazzjoni tal-provvista nbidlet mill-2020, inklużi l-prezzijiet u d-disponibbiltà tal-provvisti SAP fl-Unjoni, b'appoġġ għall-argumenti magħmula minn P & ampG u utenti oħra. Barra minn hekk, LG Chem targumenta li l-prezz SAP qed jiżdied, peress li l-prezzijiet tal-propilen u tas-soda kawstika qed jiżdiedu. Il-Kummissjoni qieset il-fatt li l-utenti pprovdew evidenza li l-pandemija tal-COVID-19 u n-nuqqas ta' trasport li rriżulta barra mill-pajjiż ikkawżaw nuqqas temporanju fil-provvista tal-PSA u wasslu għal żieda fil-prezzijiet. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li din hija biss bidla temporanja (ara l-premessa ulterjuri (355)). Barra minn hekk, iż-żieda fil-prezzijiet SAP minħabba żidiet fil-materja prima wkoll x'aktarx li ma ttejjibx il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fit-tul. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-interess tal-Unjoni li timponi miżura biex tiġġieled id-dumping dannuż li kien ġie stabbilit ma kienx affettwat mill-iskarsezzi temporanji fil-provvista.

(361) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni finali, il-Koalizzjoni H ma qablitx mal-metodoloġija tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, ikkummenta li l-konklużjonijiet dwar l-interess tal-Unjoni huma bbażati fuq informazzjoni limitata u mhux preċiża li ġiet deskritta mill-Kummissjoni bħala defiċjenti fil-premessa (342).

(362) Il-Koalizzjoni H ma qablitx ukoll mal-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-premessa (352), li tgħid li SAP tirrappreżenta [5 % — 15 %] tal-ispiża tal-produzzjoni tal-ħrieqi adulti jew tat-trabi. Hija sostniet, u pprovdiet evidenza, li l-ispiża ta' SAP kienet tammonta għal [20 - 30 %] tal-ispiża totali tal-produzzjoni.

(363) Hija sostniet ukoll li l-Kummissjoni bbażat il-konklużjoni tagħha fuq id-*data* pprovduta minn utent wieħed biss u għalhekk naqset milli tqis l-evidenza pprovduta dwar id-diffikultajiet biex il-piż addizzjonali tad-dazji jgħaddi lill-klijenti tiegħu. B'mod partikolari, ġie spjegat li l-utenti SAP tipikament ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żidiet fil-prezzijiet lill-klijenti tagħhom stess għal varjetà ta' raġunijiet differenti, bħal kuntratti fit-tul, kompetizzjoni ħarxa minn kompetituri mhux tal-UE u s-sensittività tal-prezzijiet tal-klijenti.

(364) Fil-valutazzjoni tad-dokumenti kollha pprovduti mill-partijiet interessati kollha, il-Kummissjoni ma bbażatx il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni limitata u mhux preċiża. Sa fejn il-partijiet interessati kkooperaw, il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni pprovduta. Dan kien jinkludi l-perċentwal ta' SAP fl-ispiża tal-produzzjoni għall-prodotti tal-iġjene tat-trabi u tal-adulti. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet tal-Koalizzjoni H.

(365) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni finali, Kimberly-Clark argumentat li l-prezzijiet SAP fis-suq tal-Unjoni huma fil-biċċa l-kbira xprunati mill-inflazzjoni tal-kostijiet tal-manifattura, aktar milli mill-importazzjonijiet mill-Korea. Hija sostniet li l-prezzijiet SAP assorbew l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-kostijiet tal-komoditajiet, tad-distribuzzjoni, tax-xogħol u tal-enerġija matul l-2021 u, b'riżultat ta' dan, il-prezzijiet SAP żdiedu. Bħala konklużjoni, Kimberly-Clark argumentat li l-miżuri anti-dumping ikomplu jaggravaw ix-xejra ta' żieda fil-prezzijiet kemm għall-utenti downstream kif ukoll għall-klijenti finali tal-prodotti inkluż l-SAP.

(366) Bi tweġiba, il-Kummissjoni nnotat li Kimberly-Clark indikat b'mod korrett li l-produtturi SAP tal-Unjoni kienu qed jassorbu ż-żidiet fil-kostijiet tal-manifattura peress li ma kinux kapaċi jżidu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom kif xieraq. Madankollu, dan wera biss il-pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq u l-fatt li l-manifatturi ma kinux f'pożizzjoni li jgħaddu l-ispejjeż tal-manifattura miżjuda lill-klijenti tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(367) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni finali, Kimberly-Clark ukoll ma qablitx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li d-dazji mhux se jkollhom effett projbittiv peress li SAP tirrappreżenta biss [5 % - 15 %] tal-kost tal-produzzjoni tal-ħrieqi adulti jew tat-trabi, kif iddikjarat fil-premessa (352). Hija sostniet li dan il-metodu ta' kalkolu ma kienx iqis il-fatt li SAP mhumiex prodotti ta' komodità funġibbli.

(368) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset il-fatt li SAP huwa prodott bi proprjetajiet differenti u li l-utenti jagħżlu tip speċifiku ta' SAP li huwa l-aktar adattat għall-prodott tagħhom. Madankollu, id-differenzi tekniċi waħedhom ma ġġustifikawx iż-żieda ta' kategoriji addizzjonali tal-PCN. Il-Kummissjoni inizjalment kienet ġabret *data* aktar dettaljata u waslet għall-konklużjoni li kienet ġustifikata biss distinzjoni tal-użu u skont l-addittivi għall-kontroll tal-irwejjaħ. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(369) Il-Koalizzjoni H argumentat ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tivvaluta b'mod korrett it-tħassib imressaq minn diversi utenti tal-SAP fir-rigward tal-impożizzjoni ta' dazji, li wassal għal konklużjonijiet żbaljati dwar l-interess tal-Unjoni. Huwa sostna li l-Kummissjoni tilfet l-opportunità li tipprovdi gwida lill-utenti dwar kif jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom b'mod aktar komplut u utli u ma għamlitx sforz suffiċjenti biex tikkollabora ma' dawk l-utenti sabiex l-informazzjoni miġbura fl-aħħar mill-aħħar tippermetti valutazzjoni xierqa tal-interess tal-Unjoni. Hija sostniet ukoll li, fost il-membri tal-Koalizzjoni H, tliet utenti SAP biss jidhru li rċevew kwestjonarju mill-Kummissjoni u li l-Kummissjoni użat biss l-informazzjoni pprovduta f'waħda minn żewġ tweġibiet għall-kwestjonarju, filwaqt li injorat l-argumenti mressqa fis-seduti ta' smigħ u s-sottomissjonijiet ta' mill-inqas tmien utenti oħra tal-SAP.

(370) Il-Kummissjoni bagħtet l-avviż ta' bidu bil-link għall-kwestjonarju tal-utenti rilevanti lill-utenti kollha magħrufa u l-utenti kollha li ppreżentaw ruħhom ġew infurmati dwar il-proċedura. L-informazzjoni kollha pprovduta mill-utenti tqieset fil-valutazzjoni. Il-Kummissjoni avviċinat ukoll lill-utenti kollha li kienu pprovdew tweġiba għall-kwestjonarju tal-utent biex jivverifikaw id-*data* tagħhom. Permezz ta' ittri ta' deficjenza, ingħatat gwida dwar id-*data* meħtieġa. Il-Kummissjoni għalhekk irrifjutat l-argument li hija ma kkunsidratx b'mod suffiċjenti jew ma pprovdietx assistenza lill-utenti f'din il-proċedura.

6.3. **Fatturi oħra**

(371) Diversi utenti indikaw li żieda fil-kost tal-produzzjoni għal prodotti tal-kura tas-saħħa se żżid il-kost għall-konsumaturi ta' prodotti tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, limitazzjoni għall-aċċess għall-SAPs tal-Ġenerazzjonijiet 8 u 9 tista' twassal għal prodotti ta' kwalità aktar baxxa għall-konsumaturi.

(372) Il-Kummissjoni qieset li l-kostijiet ta' produzzjoni addizzjonali li jistgħu jirriżultaw mill-miżuri se jżidu l-prezz għall-konsumaturi tal-prodotti tal-kura tas-saħħa. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-livell ta' din iż-żieda mhijiex se tkun tant għolja li l-interess tal-konsumaturi fl-aċċess għal prodotti tal-kura tas-saħħa bi prezzijiet raġonevoli jkun superjuri għall-interess tal-industrija tal-Unjoni biex tkun protetta mill-importazzjoni li huma l-oġġett ta' dumping. Barra minn hekk, il-miżuri ma jkollhomx l-effett li jipprevjenu lill-utenti milli jkomplu jipproduċu prodotti tal-kura tas-saħħa, inkluż l-SAPS tal-Ġenerazzjonijiet 8 u 9.

(373) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni, Fater sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tindirizza t-tħassib tagħha dwar il-possibbiltà li l-miżuri antidumping jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-klijenti li jaċċessaw prodotti tal-kura tas-saħħa bi prezz raġonevoli. Hija tenniet li l-produzzjoni tagħha ta' apparat mediku tiddependi fuq il-kooperazzjoni mal-esportaturi Koreani u li l-miżuri jkunu jinvolvu xogħol tekniku addizzjonali u tfassil mill-ġdid tal-prodotti tagħha, li jirriżulta f'żieda fil-prezz għall-klijenti finali.

(374) Il-Kummissjoni indirizzat iż-żieda potenzjali fil-kost għall-konsumaturi tal-prodotti tal-kura tas-saħħa fil-premessa (372) u bbilanċjatha kontra l-interess tal-industrija tal-Unjoni għall-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni ta' Fater.

6.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(375) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex jiġi konkluż li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' SAPs li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea.

7. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(376) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji biex jiġi evitat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(377) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

7.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (marġni tad-dannu)**

(378) Il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. F'dan il-każ, id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, inklużi dawk il-kostijiet li jirriżultaw minn ftehimiet ambjentali multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u dawk tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku, u tikseb profitt raġonevoli ("profitt fil-mira") billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikolu 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(379) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, biex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li dan il-marġni ta' profitt ma jkunx aktar baxx minn 6 %.

(380) Il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Matul il-perjodu kollu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf. Peress li dan kien inqas mill-minimu ta' 6 % meħtieġ mill-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, dak il-marġni ta' profitt ġie sostitwit b'6 %.

(381) Ma tressqet l-ebda pretensjoni li l-livell ta' investimenti, ta' riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u ta' innovazzjoni tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienu jkunu ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(382) Bl-istess mod, ma tressqet l-ebda pretensjoni dwar il-kostijiet futuri li jirriżultaw minn Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li għalihom l-Unjoni hija parti u li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2), f'konformità tal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(383) Abbażi ta' hekk, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira ta' 6 % għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u mbagħad żiedet l-aġġustamenti f'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku skont it-tip.

(384) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-medja ponderata tal-prezz tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi inkluż fil-kampjun fil-pajjiż ikkonċernat skont it-tip, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-medja ponderata tal-prezz mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq ħieles tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dak it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwali tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.

(385) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għall-"kumpaniji l-oħra kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għall-kumpanija li kkooperat.

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv	Marġni tad-dannu definittiv
LG Chem Ltd.	13,4 %	34,4 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,8 %	101,2 %

(386) Wara d-Divulgazzjoni Finali, LG Chem argumentat li d-determinazzjoni tal-marġni tad-dannu hija affettwata mill-istess żball bħall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, u l-kunsiderazzjonijiet tagħhom li saru għat-twaqqigħ tal-prezz japplikaw mutatis mutandis. Barra minn hekk, il-marġni tad-dannu għandu jiġi aġġustat mill-impatt tal-fatturi l-oħra mressqa minn LG Chem.

(387) Il-Kummissjoni rreferiet għall-argumenti tagħha fil-premessi (184) sa (188) kif ukoll il-konfutazzjoni tagħha tal-argumenti ta' LG Chem dwar l-impatt tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, il-formula tal-prezz SAP u l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni, stabbiliti fit-taqsimiet rispettivi tal-analiżi tal-kawżalità. Għalhekk, dawk l-affermazzjonijiet ġew miċħuda wkoll fir-rigward tad-determinazzjoni tal-marġni tad-dannu.

(388) Fis-sottomissjoni tagħhom wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentaturi u Evonik argumentaw li l-profitt fil-mira ta' 6 % ma kienx jirrifletti l-profitt li jinkiseb mill-prodotturi tal-UE fin-nuqqas ta' prattiki kummerċjali inġusti. B'mod partikolari, huma sostnew li l-Kummissjoni ma kkunsidratx l-informazzjoni pprovduta mill-industrija tal-Unjoni li ppermettitilha tiddefinixxi tali profitt f'livell ogħla. Għalhekk, huma talbu lill-Kummissjoni żżid il-marġni ta' profitt għall-medja tal-profitti fil-mira li l-prodotturi tal-Unjoni fil-kampjun setgħu jiksbu b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri [14 % — 19 %].

(389) Barra minn hekk, l-ilmentaturi u Evonik ma qablux mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessa (382) u argumentaw li t-talbiet skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku saru fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju tal-prodotturi tal-Unjoni u għall-kwestjonarju makro. Huma talbu lill-Kummissjoni biex tqis l-ispejjeż futuri fil-kalkolu tal-prezz fil-mira u pprovdew żieda medja ponderata fl-ispiża annwali għal kull tunnellata ta' SAP prodotta, li tirriżulta mill-kwoti tal-emissjonijiet tal-UE. L-ilmentatur u Evonik għalhekk talbu lill-Kummissjoni biex iżżid il-prezz fil-mira tal-prodotturi tal-Unjoni b'EUR [30–45] għal kull tunnellata ta' SAP.

(390) Il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonferma l-profitt fil-mira propost mill-ilmentaturi u Evonik li għandu jinkiseb b'mod raġonevoli meta mqabbel mad-*data* disponibbli fil-fajl. Il-Kummissjoni qieset il-profitti miksuba matul il-perjodu kkunsidrat, inklużi l-aġġustamenti li għandhom isiru biex jintlaħqu ċ-ċirkostanzi normali tal-kompetizzjoni. Il-profitti kkalkulati b'dan il-mod ma kinux jammontaw għaċ-ċifri ddikjarati mill-industrija tal-Unjoni, anki fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, meta kien hemm inqas pressjoni mill-importazzjonijiet Koreani.

(391) Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll mad-dikjarazzjonijiet li saru dwar l-ispejjeż futuri tal-kwoti tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni tabilħaqq qieset il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-kwoti tal-emissjonijiet tal-UE, skont l-informazzjoni vverifikata pprovduta mill-kumpaniji fil-kampjun. Dan irriżulta f'żieda fil-prezz fil-mira ta' [16–18] EUR għal kull tunnellata ta' SAP. Għaldaqstant, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

8. **MIŻURI DEFINITTIVI**

(392) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea.

(393) Għaldaqstant jenħtieġ li r-rati ta' dazji anti-dumping definittivi, espressi bil-prezz CIF fil-fruntieri tal-Unjoni, bħala dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Marġni tad-dumping	Marġni tad-dannu	Dazju anti-dumping definittiv
LG Chem Ltd.	13,4 %	34,4 %	13,4 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,8 %	101,2 %	18,8 %

(394) Ir-rata ta' dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikata f'dan ir-Regolament ġiet stabbilita abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, din irriflettiet is-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward tal-produttur esportatur wieħed li kkoopera. Dik ir-rata ta' dazju hija applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott kkonċernat li joriġina mill-pajjiż kkonċernat u li huwa magħmul mill-entità legali msemmija. Jenħtieġ li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inkluż entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Jenħtieġ li dawn ma jkunux soġġetti għar-rata individwali ta' dazju anti-dumping.

(395) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni tar-rata ta' dazju anti-dumping individwali tagħha jekk tbiddel l-isem tal-entità soġġetta għal dak id-dazju. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermettilha turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla tal-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(396) Jekk l-esportazzjonijiet minn kwalunkwe kumpanija li tibbenefika minn rata ta' dazju individwali aktar baxx jiżdiedu fil-volum b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Fost oħrajn, dik l-investigazzjoni tista' teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati ta' dazju/i individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(397) Biex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, jenħtieġ li d-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(398) Fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni finali, l-industrija tal-Unjoni argumentat li ma hemm l-ebda produzzjoni ta' SAP fit-Turkija u għalhekk kwalunkwe volum ta' SAP importat mit-Turkija jista' jkun biss ta' oriġini oħra. Huma talbu li tiġi inkluża klawżola speċjali ta' monitoraġġ fir-Regolament finali biex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju ta' ċirkomvenzjoni potenzjali mit-Turkija.

(399) Il-Kummissjoni tiċċara li klawżoli speċjali ta' monitoraġġ normalment japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-pajjiż ikkonċernat. Madankollu, il-Kummissjoni ħadet nota tal-kummenti tal-partijiet u, bħal dejjem, se tkun viġilanti biex taġixxi f'konformità mal-prattika ta' monitoraġġ tagħha dwar il-miżuri fis-seħħ.

9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(400) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), meta jkollu jiġi rimborsat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li jrid jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(401) Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax opinjoni, u l-maġġoranza sempliċi tal-membri komponenti tiegħu opponew l-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mbagħad ippreżentat mill-ġdid l-abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kumitat tal-Appell skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]).

(402) F'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-kumitat tal-appell ma tax opinjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti (superabsorbent polymers, "SAPs"), li jikkonsistu fi granuli irregolari, tondi jew agglomerati, fil-forma ta' trab, b'dehra bajda u li ma jdubux fl-ilma, li jirriżultaw mill-polimerizzazzjoni ta' molekuli monomeriċi b'aġenti ta' retikolazzjoni biex jiffurmaw networks ta' polimeri retikolati, b'kapaċità kbira li jassorbu u jżommu l-ilma u likwidi milwiema, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3906 90 90 (kodiċi TARIC 3906 90 90 17),

2. Ir-rati tad-dazji anti-dumping definittivi applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Rata tad-dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
LG Chem Ltd.	13,4 %	C766
Il-kumpaniji l-oħra kollha	18,8 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpanija msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "*Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert b'din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz tagħha) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta*." Jekk din il-fattura ma tiġix ippreżentata, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

([16]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN